# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 142

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 57**

**12 ta' Mejju 2014**

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2014/C 142/01 L-aħħar pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU C 135, 5.5.2014 . . . 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2014/C 142/02 Kawża C-628/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Magna) tat-18 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Braunschweig – il-Ġermanja) – proċeduri kriminali kontra International Jet Management GmbH (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 18 TFUE — Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni eżerċitata minħabba n-nazzjonalità — Titjiriet kummerċjali minn Stat terz li bħala destinazzjoni jkollhom Stat Membru — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni li ma għandhomx liċenzja operattiva maħruġa minn dan l-Istat Membru għandhom jiksbu awtorizzazzjoni għal kull titjira li toriġina minn Stat terz) . . . 2

2014/C 142/03 Kawża C-639/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur — Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE — Direttiva 70/311/KEE — Direttiva 2007/46/KE — Sewqan fuq il-lemin fi Stat Membru — Obbligu, fid-dawl tar-reġistrazzjoni, li jitqiegħed fuq ix-xellug it-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tal-vetturi tal-passiġġieri li jinsab fuq il-lemin) . . . 3

2014/C 142/04 Kawża C-61/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Litwanja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur — Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE — Direttiva 70/311/KEE — Direttiva 2007/46/KE — Sewqan fuq il-lemin fi Stat Membru — Obbligu, fid-dawl tar-reġistrazzjoni, li jitqiegħed fuq ix-xellug it-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tal-vetturi tal-passiġġieri li jinsab fuq il-lemin) . . . 4

MT

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 142/05 | Kawża C-139/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona vs Generalidad de Cataluña (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sitt Direttiva tal-VAT — Eżenzjonijiet — Tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ ta' titoli u li jinvolvu t-trasferiment tal-proprjetà ta' proprjetajiet immobbli — Issuġġettar għal taxxa indiretta separata mill-VAT — Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE — Sitwazzjoni purament interna) | 5 |
| 2014/C 142/06 | Kawża C-167/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Employment Tribunal, Newcastle upon Tyne – Ir-Renju Unit) – C. D. vs S. T. (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 92/85/KEE — Miżuri intiżi li jinkoraġġixxu t-titjib tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema tqal, ħaddiema li jkunu welldu reċentement, jew ħaddiema li jkunu qegħdin ireddgħu — Artikolu 8 — Omm prospettiva li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata — Rifjut li jingħatalha leave tal-maternità — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa — Artikolu 14 — Trattament inqas favorevoli ta' omm prospettiva fir-rigward tal-għoti ta' leave tal-maternità) | 6 |
| 2014/C 142/07 | Kawża C-363/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-The Equality Tribunal – l-Irlanda) – Z vs A Government Department, the Board of Management of a Community School (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa — Omm li tikkummissjona li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata — Rifjut li jingħatalha leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew leave tal-adozzjoni — Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà — Direttiva 2000/78/KE — Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol — Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq diżabbiltà — Omm li tikkummissjona li ma jistax ikollha tarbija — Eżistenza ta' diżabbiltà — Validità tad-Direttivi 2006/54 u 2000/78) | 7 |
| 2014/C 142/08 | Kawża C-427/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea [Rikors għal annullament — Għażla tal-bażi legali — Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE — Att iddelegat u att ta' implementazzjoni — Regolament (UE) Nru 528/2012 — Artikolu 80(1) — Prodotti bijoċidali — Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Stabbilimenti tad-drittijiet mill-Kummissjoni] | 8 |
| 2014/C 142/09 | Kawża C-271/13 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Rousse Industry vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija mir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kanċellament ta' debiti — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' "għajnuna ġdida" — Obbligu ta' motivazzjoni) | 8 |
| 2014/C 142/10 | Kawża C-19/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Duisburg (il-Ġermanja) fis-16 ta' Jannar 2014 – Ana-Maria Talasca, Angelina Marita Talasca vs Stadt Kevelaer | 9 |
| 2014/C 142/11 | Kawża C-43/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-18 ta' Diċembru 2013 – Ško–Energo s.r.o. vs Odvolací finanční ředitelství | 9 |
| 2014/C 142/12 | Kawża: C-45/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Ítélőtábla (l-Ungerija) fis-27 ta' Jannar 2014 – proċeduri kriminali kontra István Balázs u Dániel Papp | 10 |
| 2014/C 142/13 | Kawża C-46/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Rüsselsheim (il-Ġermanja) fit-28 ta' Jannar 2014 – Jürgen Kaiser vs Condor Flugdienst GmbH | 10 |
| 2014/C 142/14 | Kawża C-51/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fl-4 ta' Frar 2014 – Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG vs Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung | 11 |
| 2014/C 142/15 | Kawża C-52/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fl-4 ta' Frar 2014 – Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG vs Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung | 12 |
| 2014/C 142/16 | Kawża C-58/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fis-6 ta' Frar 2014 – Hauptzollamt Hannover vs Amazon EU Sàrl | 13 |

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 142/17 | Kawża C-59/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta’ Frar 2014 – Firma Ernst Kollmer Fleischimport und -export vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas | 13 |
| 2014/C 142/18 | Kawża C-66/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fl-10 ta’ Frar 2014 – Finanzamt Linz vs Bundesfinanzgericht, Außenstelle Linz | 14 |
| 2014/C 142/19 | Kawża C-67/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundessozialgericht (il-Ġermanja) fl-10 ta’ Frar 2014 – Jobcenter Berlin Neukölln vs Nazifa Alimanovic *et* | 14 |
| 2014/C 142/20 | Kawża C-69/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Sibiu (ir-Rumanija) fl-10 ta’ Frar 2014 – Dragoş Constantin Târşia vs Statul român – prin Ministerul Finanțelor şi Economiei, Serviciul Public Comunitar Regim Permise de Conducere si Inmatriculare a Autovehiculelor | 15 |
| 2014/C 142/21 | Kawża C-72/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof ‘s-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-10 ta’ Frar 2014 – X, konvenut: Directeur van het onderdeel Belastingregio Belastingdienst/X van de Rijksbelastingdienst | 16 |
| 2014/C 142/22 | Kawża C-74/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fl-10 ta’ Frar 2014 – UAB “Eturas” *et* vs Lietuvos Respublikos konkurencijos taryba | 16 |
| 2014/C 142/23 | Kawża C-79/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Hannover (il-Ġermanja) fl-14 ta’ Frar 2014 – TUIfly GmbH vs Harald Walter. | 17 |
| 2014/C 142/24 | Kawża C-81/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-17 ta’ Frar 2014 – Nannoka Vulcanus Industries BV vs College van gedeputeerde staten van Gelderland | 17 |
| 2014/C 142/25 | Kawża C-82/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione l-Italja) fis-17 ta’ Frar 2014 – Agenzia delle Entrate vs Nuova Invincibile | 18 |
| 2014/C 142/26 | Kawża C-83/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen săd Sofia-grad (il-Bulgarija) fis-17 ta’ Frar 2014 – CHEZ Razpredelenie Bălgaria AD vs Komisia za zashtita ot diskriminatsia | 18 |
| 2014/C 142/27 | Kawża C-86/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social n° 1 de Granada (Spanja) fit-18 ta’ Frar 2014 – Marta León Medialdea vs Ayuntamiento de Huetor Vega | 20 |
| 2014/C 142/28 | Kawża C-89/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fil-21 ta’ Frar 2014 – A2A SpA vs Agenzia delle Entrate | 20 |
| 2014/C 142/29 | Kawża C-92/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Câmpulung (ir-Rumanija) fil-25 ta’ Frar 2014 – Liliana Tudoran, Florin Iulian Tudoran, Ilie Tudoran vs SC Suport Colect SRL | 21 |
| 2014/C 142/30 | Kawża C-94/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fis-27 ta’ Frar 2014 – Flight Refund Ltd vs Deutsche Lufthansa AG. | 22 |
| 2014/C 142/31 | Kawża C-96/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de grande instance de Nîmes (Franza) fit-28 ta’ Frar 2014 – Jean-Claude Van Hove vs CNP Assurance SA | 23 |
| 2014/C 142/32 | Kawża C-97/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-3 ta’ Marzu 2014 – SMK Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Adó Főigazgatósága, Nemzeti Adó- és Vámhivatal | 23 |
| 2014/C 142/33 | Kawża C-98/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fit-3 ta Marzu 2014 – Berlington Hungary Tanácsadó és Szolgáltató Kft. *et* vs Magyar Állam | 24 |
| 2014/C 142/34 | Kawża C-103/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Litwanja) fl-4 ta’ Marzu 2014 – Jakutis u Kretingalės kooperatinė ŽŪB vs Nacionalinė mokėjimo agentūra prie Žemės ūkio ministerijos u Lietuvos valstybė | 26 |

2014/C 142/35 Kawża C-106/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fis-6 ta' Marzu 2014 – FCD – Fédération des entreprises du commerce et de la distribution, FMB – Fédération des magasins de bricolage et de l'aménagement de la maison vs Ministre de l'écologie, du développement durable et de l'énergie . . . 28

2014/C 142/36 Kawża C-111/14: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fis-7 ta' Marzu 2014 – "GST-Sarviz AG Germania" vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Plovdiv pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite . . . 28

**Il-Qorti Ġenerali**

2014/C 142/37 Kawża T-46/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2014 – Faci vs Il-Kummissjoni ("Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew ta' stabilizzaturi termiċi ESBO/esteri — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Iffissar tal-prezzijiet, tqassim tas-swieq kif ukoll ta' klijenti u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Prova ta' aspett wieħed tal-ksur — Multi — Ugwaljanza fit-trattament — Amministrazzjoni tajba — Terminu raġonevoli — Proporzjonalità") . . . 30

2014/C 142/38 Kawża T-181/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Marzu 2014 – Reagens vs Il-Kummissjoni ["Aċċess għad-dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar it-talbiet ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' assenza ta' kapaċità kontributtiva ta' ċerti impriżi fil-kuntest ta' proċedura fil-qasam tal-akkordji — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika — Interess pubbliku superjuri — Obbligu li jitwettaq eżami konkret u individwali — Aċċess parzjali"] . . . 30

2014/C 142/39 Kawża T-306/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2014 – Yusef vs Il-Kummissjoni "Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra persuni u entitajiet marbuta ma' Usama Bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban — Regolament (KE) Nru 881/2002 — Iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi ta' persuna wara l-inklużjoni tagħha f'lista stabbilita minn korp tan-Nazzjonijiet Uniti — Kumitat tas-sanzjonijiet — Inklużjoni sussegwenti fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 — Rifjut tal-Kummissjoni li tħassar din l-inklużjoni — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Drittijiet fundamentali — Dritt għal smigħ, dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv u dritt għar-rispett tal-proprjetà" . . . 31

2014/C 142/40 Kawża T-539/11: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2014 – Deutsche Bank vs UASI (Leistung aus Leidenschaft) ("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Leistung aus Leidenschaft — Trade mark li hija kkostitwita minn slogan ta' reklamar — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament — Obbligu ta' motivazzjoni — Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali") . . . 32

2014/C 142/41 Kawża T-291/12: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2014 – Deutsche Bank vs UASI (Passion to Perform) ["Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali Passion to Perform — Trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament"] . . . 33

2014/C 142/42 Kawżi magħquda T-534/12 u T-535/12: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2014 – Still vs UASI (Fleet Data Services) ("Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji figurattivi Fleet Data Services u Truck Data Services — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt għal smigħ — It-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009") . . . 33

2014/C 142/43 Kawża T-81/13: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2014 – FTI Touristik vs UASI (BigXtra) ["Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BigXtra — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"] . . . 34

2014/C 142/44 Kawża T-46/12: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2013 – Chrysamed Vertrieb vs UASI – Chrysal International (Chrysamed) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") . . . 34

2014/C 142/45 Kawża T-198/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Frar 2014 – Imax vs UASI – Himax Technologies (IMAX) ("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") . . . 35

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 142/46 | Kawża T-62/14: Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2014 – BR IP Holder vs UASI – Greyleg Investments (HOKEY POKEY) | 35 |
| 2014/C 142/47 | Kawża T-98/14: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2014 – Société Générale vs Il-Kummissjoni | 36 |
| 2014/C 142/48 | Kawża T-106/14: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2014 – Universal Utility International vs UASI (Greenworld) | 37 |
| 2014/C 142/49 | Kawża T-108/14: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Burazer *et* vs L-Unjoni Ewropea | 37 |
| 2014/C 142/50 | Kawża T-109/14: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Škugor *et* vs L-Unjoni Ewropea | 38 |
| 2014/C 142/51 | Kawża T-124/14: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2014 – Ir-Repubblika tal-Finlandja vs Il-Kummissjoni Ewropea | 39 |
| 2014/C 142/52 | Kawża T-125/14: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2014 – Gappol Marzena Porczyńska vs UASI – Gap (ITM) (GAPPol) | 40 |
| 2014/C 142/53 | Kawża T-134/14: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni | 40 |
| 2014/C 142/54 | Kawża T-141/14: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – SolarWorld *et* vs Il-Kunsill | 41 |
| 2014/C 142/55 | Kawża T-142/14: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – SolarWorld *et* vs Il-Kunsill | 42 |
| 2014/C 142/56 | Kawża T-160/14: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – Yingli Energy (China) *et* vs Il-Kunsill | 43 |
| 2014/C 142/57 | Kawża T-161/14: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – Yingli Energy (iċ-Ċina) *et* vs Il-Kunsill | 44 |
| 2014/C 142/58 | Kawża T-166/14: Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2014 – PRS Mediterranean vs UASI – Reynolds Presto Products (NEOWEB) | 45 |
| 2014/C 142/59 | Kawża T-172/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Stahlwerk Bous vs Il-Kummissjoni | 46 |
| 2014/C 142/60 | Kawża T-173/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – WeserWind vs Il-Kummissjoni | 47 |
| 2014/C 142/61 | Kawża T-174/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Dieckerhoff Guss vs Il-Kummissjoni | 47 |
| 2014/C 142/62 | Kawża T-175/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Walter Hundhausen vs Il-Kummissjoni | 48 |
| 2014/C 142/63 | Kawża T-176/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Georgsmarienhütte vs Il-Kummissjoni | 49 |
| 2014/C 142/64 | Kawża T-177/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Harz Guss Zorge vs Il-Kummissjoni | 50 |
| 2014/C 142/65 | Kawża T-178/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Friedrich Wilhelms-Hütte Eisenguss vs Il-Kummissjoni | 51 |
| 2014/C 142/66 | Kawża T-179/14: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Schmiedewerke Gröditz vs Il-Kummissjoni | 52 |
| 2014/C 142/67 | Kawża T-183/14: Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014 – Schmiedag vs Il-Kummissjoni | 53 |
| 2014/C 142/68 | Kawża T-186/14: Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014 – Atlantic Multipower Germany vs UASI – Nutrichem Diät + Pharma (NOxtreme) | 53 |
| 2014/C 142/69 | Kawża T-522/12: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2014 – Alfa-Beta Vassilopoulos vs UASI Henkel (AB terra Leaf) | 54 |
| 2014/C 142/70 | Kawża T-142/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2014 – Jinko Solar *et* vs Il-Parlament *et* | 54 |
| 2014/C 142/71 | Kawża T-435/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2014 – Triarii vs Il-Kummissjoni | 55 |
| 2014/C 142/72 | Kawża T-439/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2014 – Fard u Sarkandi vs Il-Kunsill | 55 |

2014/C 142/73 Kawża T-466/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2014 – Hermann Trollius vs ECHA . . . . . . 55

2014/C 142/74 Kawża T-505/13: Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2014 – Stichting Sona u Nao vs Il-Kummissjoni . . . . . . 55

**It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

2014/C 142/75 Kawża F-8/13: Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-26 ta' Marzu 2014 – CP vs Il-Parlament (Servizz pubbliku — Uffiċjal — Kap ta' unità — Perijodu ta' prova — Nuqqas ta' konferma fil-funzjonijiet ta' kap ta' diviżjoni — Assenjazzjoni mill-ġdid f'funzjoni mhux amministrattiva — Regoli interni tal-Parlament) . . . . . . 56

2014/C 142/76 Kawża F-32/13: Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-27 ta' Frar 2014 – Walton vs Il-Kummissjoni (Servizz Pubbliku — Membru tal-Persunal temporanju — Allowance għall-firda — Riżenja kkonstatata b'sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej — Determinazzjoni tad-data tar-riżenja — Awtorità ta' *res judicata* — Deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li saru definittivi fl-assenza ta' rikorsi kontenzjużi — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura amministrattiva minn qabel — Inammissibbiltà manifesta) . . . . . . 56

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

(2014/C 142/01)

**L-aħħar pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

ĠU C 135, 5.5.2014

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 129, 28.4.2014

ĠU C 112, 14.4.2014

ĠU C 102, 7.4.2014

ĠU C 93, 29.3.2014

ĠU C 85, 22.3.2014

ĠU C 78, 15.3.2014

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Magna) tat-18 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberlandesgericht Braunschweig – il-Ġermanja) – proċeduri kriminali kontra International Jet Management GmbH**

**(Kawża C-628/11)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 18 TFUE — Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni eżerċitata minħabba n-nazzjonalità — Titjiriet kummerċjali minn Stat terz li bħala destinazzjoni jkollhom Stat Membru — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li t-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni li ma għandhomx liċenzja operattiva maħruġa minn dan l-Istat Membru għandhom jiksbu awtorizzazzjoni għal kull titjira li toriġina minn Stat terz)***

(2014/C 142/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Braunschweig

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

International Jet Management GmbH

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari – Oberlandesgericht Braunschweig – Interpretazzjoni tal-Artikolu 18 TFUE – Titjiriet kummerċjali minn Stat terz lejn Stat Membru – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li t-trasportaturi tal-ajru li ma għandhomx liċenzja maħruġa minn dan l-Istat għandhom jiksbu awtorizzazzjoni għal kull titjira li toriġina minn Stat terz – Multa imposta fuq trasportatur tal-ajru Komunitarju li ma osservax din il-leġiżlazzjoni

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 18 TFUE, li jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità japplika għal sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-ewwel Stat Membru jeżiġi mingħand trasportatur tal-ajru, li għandu liċenzja operattiva maħruġa minn tieni Stat Membru li jikseb awtorizzazzjoni sabiex jidħol fl-ispazju tal-ajru tal-ewwel Stat Membri biex jagħmel titjiriet privati mhux skedati li ġejjin minn pajjiż terz u li bħala destinazzjoni jkollhom dan l-ewwel Stat Membri, għalkemm tali awtorizzazzjoni ma hijiex meħtieġa għat-trasportaturi tal-ajru li għandhom liċenzja operattiva maħruġa mill-imsemmi l-ewwel Stat Membru..*

2) *L-Artikolu 18 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-ewwel Stat Membru li teżiġi, taħt piena ta' multa fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tagħha, mingħand trasportatur tal-ajru li għandu liċenzja operattiva maħruġa minn tieni Stat Membru li jikseb awtorizzazzjoni sabiex jidħol fl-ispazju tal-ajru tal-ewwel Stat Membru sabiex jagħmel titjiriet privati mhux skedati li ġejjin minn pajjiż terz u li bħala destinazzjoni jkollhom dan l-ewwel Stat Membru, għalkemm tali awtorizzazzjoni ma hijiex meħtieġa għat-trasportaturi tal-ajru li għandhom liċenzja operattiva maħruġa minn dan l-ewwel Stat Membru, u li tissuġġetta l-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni għall-produzzjoni ta' dikjarazzjoni li tattesta li t-trasportaturi tal-ajru għandhom liċenzja maħruġa minn dan l-ewwel Stat Membru, jew ma kinux lesti sabiex joperaw dawn it-titjiriet, jew ma kinux f'kundizzjoni li joperawhom.*

([1]) ĠU C 80, 17.03.2012

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-639/11)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur — Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE — Direttiva 70/311/KEE — Direttiva 2007/46/KE — Sewqan fuq il-lemin fi Stat Membru — Obbligu, fid-dawl tar-reġistrazzjoni, li jitqiegħed fuq ix-xellug it-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tal-vetturi tal-passiġġieri li jinsab fuq il-lemin)***

(2014/C 142/03)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Wilms, G. Zavvos u K. Herrmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: B. Majczyna u M. Szpunar, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriaučiūnas u R. Krasuckaitė, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ksur tal-Artikolu 34 TFUE, tal-Artikolu 2a tad-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE, tat-8 ta' Ġunju 1970, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta'vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 1, p. 90), kif ukoll tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (ĠU L 263, p. 1) – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi r-reġistrazzjoni ta' vetturi li jinsaqu fuq il-lemin

**Dispożittiv**

1) *Billi ssuġġettat ir-reġistrazzjoni fit-territorju tagħha ta' vetturi tal-passiġġieri li t-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tagħhom jinsab fuq in-naħa tal-lemin, ġodda jew preċedentement irreġistrati fi Stati Membri oħra, għaċ-ċaqlieq tal-isteering lejn in-naħa tax-xellug, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 2a tad-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE, tat-8 ta' Ġunju 1970, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru), kif ukoll l-Artikolu 34 TFUE.*

2) *Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Ir-Repubblika tal-Litwanja għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

[1] ĠU C 73, 10.03.2012

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Litwanja**

**(Kawża C-61/12)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur — Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE — Direttiva 70/311/KEE — Direttiva 2007/46/KE — Sewqan fuq il-lemin fi Stat Membru — Obbligu, fid-dawl tar-reġistrazzjoni, li jitqiegħed fuq ix-xellug it-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tal-vetturi tal-passiġġieri li jinsab fuq il-lemin)***

(2014/C 142/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Steiblytė, G. Wilms u G. Zavvos, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriaučiūnas u R. Krasuckaitė, aġenti)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tal-parti l-oħra fil-kawża:* Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant: M. Linntam, aġent), Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: I. Kalniņš u A. Nikolajeva, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti B. Majczyna u M. Szpunar, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ksur tal-Artikolu 34 TFUE, tal-Artikolu 2a tad-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE, tat-8 ta' Ġunju 1970, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 1, p. 90) kif ukoll l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, p. 1) – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri ġodda li jinstaqu fuq in-naħa tal-lemin minkejja l-konformità ta' dawn il-vetturi mar-rekwiżiti stabbiliti mid-direttiva qafas u d-direttivi speċifiċi – Rifjut għar-reġistrazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri li jinstaqu fuq in-naħa tal-lemin preċedentement irreġistrati fi Stat Membru ieħor.

**Dispożittiv**

1) *Billi pprojbiet ir-reġistrazzjoni tal-vetturi tal-passiġġieri li l-isteering wheel tagħhom jinsab fuq in-naħa tal-lemin, u/jew billi rrikjediet, sabiex tirreġistra l-vetturi tal-passiġġieri, li t-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni tagħhom jinsab fuq in-naħa tal-lemin, ġodda jew irreġistrati preċedentement fi Stat Membru ieħor, li l-isteering wheel jiċċaqlaq lejn in-naħa tax-xellug, ir-Repubblika tal-Litwanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 2a tad-Direttiva tal-Kunsill 70/311/KEE, tat-8 ta' Ġunju 1970, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir għall-kontroll tad-direzzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru), kif ukoll l-Artikolu 34 TFUE.*

2) *Ir-Repubblika tal-Litwanja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 118, 21.04.2012

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo – Spanja) – Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona vs Generalidad de Cataluña**

**(Kawża C-139/12)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sitt Direttiva tal-VAT — Eżenzjonijiet — Tranżazzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ ta' titoli u li jinvolvu t-trasferiment tal-proprjetà ta' proprjetajiet immobbli — Issuġġettar għal taxxa indiretta separata mill-VAT — Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE — Sitwazzjoni purament interna)***

(2014/C 142/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona

*Konvenuta:* Generalidad de Cataluña

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari – Tribunal Supremo – Interpretazzjoni tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) – Eżenzjoni tat-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw sigurtajiet imsemmija fl-Artikolu 13B(d)(5) – Eċċezzjoni – Tranzazzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ ta' titoli u li jinvolvu t-trasferiment tal-proprjetà ta' proprjetajiet immobbli – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-akkwist tal-maġġoranza tal-kapital ta' kumpannija li l-attiv tagħha huwa prinċipalment magħmul minn proprjetajiet immobbli għal taxxa indiretta separata mill-VAT

**Dispożittiv**

*Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/680/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1991, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 108 tal-Liġi 24/1988 dwar is-suq tat-titoli (Ley 24/1988 del Mercado de Valores), tat-28 ta' Lulju 1988, kif emendata bil-Liġi 18/91 dwar it-taxxa fuq id-dħul ta' persuni fiżiċi (Ley 18/1991 del Impuesto sobre la Renta de las Personas Físicas), tas-6 ta' Ġunju 1991, li tissuġġetta l-akkwist tal-maġġoranza tal-kapital ta' kumpannija, li l-attiv tagħha huwa essenzjalment ikkostitwit minn proprjetajiet immobbli, għal taxxa indiretta separata mit-taxxa fuq il-valur miżjud, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.*

[1] ĠU C 174, 16.06.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta’ Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Employment Tribunal, Newcastle upon Tyne – Ir-Renju Unit) – C. D. vs S. T.**

**(Kawża C-167/12)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 92/85/KEE — Miżuri intiżi li jinkoraġġixxu t-titjib tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema tqal, ħaddiema li jkunu welldu reċentement, jew ħaddiema li jkunu qegħdin ireddgħu — Artikolu 8 — Omm prospettiva li kellha tarbija permezz ta’ ftehim ma’ omm surrogata — Rifjut li jingħatalha leave tal-maternità — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa — Artikolu 14 — Trattament inqas favorevoli ta’ omm prospettiva fir-rigward tal-għoti ta’ leave tal-maternità)***

(2014/C 142/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Qorti tar-rinviju

Employment Tribunal, Newcastle upon Tyne

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* C. D.

*Konvenuta:* S. T.

## Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Employment Tribunal Newcastle upon tyne – Interpretazzjoni tal-Artikoli 1(1), 2(ċ), 8(1) u 11(2)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta’ Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta’ mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110) – Interpretazzjoni tal-Artikoli 14 u 2(1)(a) u (b), u (2)(ċ) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta’ Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23) – Projbizzjoni ta’ kull trattament inqas favorevoli ta’ mara relatat mat-tqala jew mal-leave tal-maternità fis-sens tad-Direttiva 92/85/KEE – Kamp ta’ applikazzjoni – Omm mhux bijoloġika li jkollha tarbija permezz ta’ arranġament ma’ omm surrogata – Dritt għal leave tal-maternità

## Dispożittiv

1) *Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta’ Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta’ miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), għandha tiġi interpretata fis-sens li l-Istati Membri ma humiex obbligati jawtorizzaw leave tal-maternità skont l-Artikolu 8 ta’ din id-direttiva lil ħaddiema, fil-kwalità tagħha ta’ omm prospettiva li kellha tarbija permezz ta’ ftehim ma’ omm surrogata, inkluż meta hija tista’ tredda’ din it-tarbija wara t-twelid jew meta tkun qiegħda effettivament tredda’ tali tarbija.*

2) *L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta’ Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol, moqri flimkien mal-Artikolu 2(1)(a) u (b) u l-Artikolu 2(2)(ċ) ta’ din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, il-fatt li persuna li timpjega tirrifjuta li tawtorizza leave tal-maternità lil omm prospettiva li kellha tarbija permezz ta’ ftehim ma’ omm surrogata.*

([1]) ĠU C 194, 30.06.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-The Equality Tribunal – l-Irlanda) – Z vs A Government Department, the Board of Management of a Community School**

**(Kawża C-363/12)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 2006/54/KE — Ugwaljanza fit-trattament bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa — Omm li tikkummissjona li kellha tarbija permezz ta' ftehim ma' omm surrogata — Rifjut li jingħatalha leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew leave tal-adozzjoni — Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbilità — Direttiva 2000/78/KE — Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol — Projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq diżabbiltà — Omm li tikkummissjona li ma jistax ikollha tarbija — Eżistenza ta' diżabbiltà — Validità tad-Direttivi 2006/54 u 2000/78)***

(2014/C 142/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

The Equality Tribunal

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Z

*Konvenuti:* A Government Department, the Board of Management of a Community School

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari – The Equality Tribunal (l-Irlanda) – Interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 14 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, p. 23) – Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79) – Omm bijoloġika li rrikorriet għal maternità sostituttiva – Persuna li tbati minn diżabbiltà fiżika li tipprekludiha milli twelled tarbija – Dritt għal leave tal-maternità

**Dispożittiv**

1) *Id-Direttiva 2006/54/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol, b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 14 tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, il-fatt ta' rifjut li jingħata leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità lil ħaddiema, fil-kwalità tagħha ta' omm li tikkummissjona li kellha tarbija permezz ta' arranġament ma' omm surrogata.*

   *Is-sitwazzjoni ta' tali omm li tikkummissjona f'dak li jikkonċerna l-għoti ta' leave tal-maternità jew ta' leave tal-adozzjoni ma taqax taħt din id-direttiva.*

2) *Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà, il-fatt li jkun irrifjutat l-għoti ta' leave mħallas ekwivalenti għal leave tal-maternità jew għal leave tal-adozzjoni lil ħaddiema li ma jistax ikollha tarbija u li rrikorriet għal arranġament ma' omm surrogata.*

   *Il-validità ta' din id-direttiva ma tistax tiġi evalwata fid-dawl tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, iżda l-imsemmija direttiva għandha, sa fejn possibbli, tiġi interpretata b'mod konformi ma' din il-konvenzjoni.*

([1]) ĠU C 311, 13.10.2012

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-427/12)** ([1])

***[Rikors għal annullament — Għażla tal-bażi legali — Artikoli 290 TFUE u 291 TFUE — Att iddelegat u att ta' implementazzjoni — Regolament (UE) Nru 528/2012 — Artikolu 80(1) — Prodotti bijoċidali — Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Stabbilimenti tad-drittijiet mill-Kummissjoni]***

(2014/C 142/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Smulders, C. Zadra u E. Manhaeve, aġenti)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Visaggio u A. Troupiotis, aġenti); Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Moore u I. Šulce, aġenti)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenuti:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, E. Ruffer u D. Hadroušek, aġenti); Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: V. Pasternak Jørgensen u C. Thorning, aġenti); Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues, D. Colas u N. Rouam, aġenti); Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman u M. Noort, aġenti); Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: H. Leppo u M. J. Leppo, aġenti); Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: C. Murrell u M. Holt, aġenti, assistiti minn de B. Kennelly, barrister)

**Suġġett**

Rikors għal annullament – Artikolu 80(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, p. 1), sa fejn din id-dispożizzjoni tipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri li jistabbilixxu d-drittijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi permezz ta' att ta' implementazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u mhux permezz ta' att iddelegat skont l-Artikolu 290 TFUE – Għażla tal-bażi legali – Attribuzzjoni tas-setgħat leġiżlattivi li l-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jattribwixxi lill-Kummissjoni

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

3) *Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Finlandja, kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

([1]) ĠU C 355, 17.11.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2014 – Rousse Industry vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-271/13 P)** ([1])

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija mir-Repubblika tal-Bulgarija fil-forma ta' kanċellament ta' debiti — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha — Kunċett ta' "għajnuna ġdida" — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2014/C 142/09)

*Lingwa tal-proċedura: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Appellanti:* Rousse Industry (rappreżentanti: A Angelov u S Panov, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes u D. Stefanov, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba’ Awla) tal-20 ta’ Marzu 2013, Rousse Industry vs Il-Kummissjoni (T-489/11) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/706/UE, tat-13 ta’ Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28903 (C 12/10) (ex N 389/09) mogħtija mill-Bulgarija lil Rousse Industry (ĠU 2012, L 320, p. 27) – Għajnuna mill-Istat fil-forma ta’ kanċellament ta’ debiti – Deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Ksur tar-regoli proċedurali li jippreġudika d-drittijiet tal-appellanti – Ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġenerali

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Rousse Industry AD hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 207, 20.07.2013.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Duisburg (il-Ġermanja) fis-16 ta’ Jannar 2014 – Ana-Maria Talasca, Angelina Marita Talasca vs Stadt Kevelaer

**(Kawża C-19/14)**

(2014/C 142/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Sozialgericht Duisburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ana-Maria Talasca, Angelina Marita Talasca

*Konvenuta:* Stadt Kevelaer

**Domandi preliminari**

a) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-Ktieb II tas-Sozialgesetzbuch huwa kompatibbli mad-dritt tal-Komunità Ewropea?

b) Fil-każ ta’ risposta negattiva, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha temenda s-sitwazzjoni legali fis-seħħ jew inkella tirriżulta direttament sitwazzjoni legali ġdida u, f’dak il-każ, liema waħda?

c) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(1) tal-Ktieb II tas-Sozialgesetzbuch għandu jibqa’ fis-seħħ sakemm l-istituzzjonijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jwettqu l-emenda leġiżlattiva (jekk ikun il-każ) neċessarja?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-18 ta’ Diċembru 2013 – Ško–Energo s.r.o. vs Odvolací finanční ředitelství

**(Kawża C-43/14)**

(2014/C 142/11)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ško–Energo s.r.o.

*Konvenuta:* Odvolací finanční ředitelství

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KEE għandu jiġu interpretat fis-sens li jimpedixxi l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jissuġġettaw l-allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet, matul il-perijodu rilevanti, għat-taxxa fuq id-donazzjonijiet?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Ítélőtábla (l-Ungerija) fis-27 ta' Jannar 2014 – proċeduri kriminali kontra István Balázs u Dániel Papp

**(Kawża: C-45/14)**

(2014/C 142/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Ítélőtábla

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Akkużati*: István Balázs u Dániel Papp

*Parti oħra*: Fővárosi Fellebbviteli Főügyészség

**Domandi preliminari**

Il-leġiżlazzjoni jew l-assenza ta' leġiżlazzjoni dwar teħid ta' proċeduri kriminali b'mod legali imsemmija fl-Artikolu 2 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Ungeriż

1) hija kuntrarja għall-implementazzjoni tad-"dritt għal rimedju effettiv u għal proċeduri imparzjali" stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2) twassal għal ksur tad-"dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat" imsemmi fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fl-Artikolu 14(7) tal-Ftehim Internazzjonali fuq id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950,

3) u/jew il-"projbizzjoni ta' l-abbuż ta' dritt" imsemmi fl-Artikolu 54 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Rüsselsheim (il-Ġermanja) fit-28 ta' Jannar 2014 – Jürgen Kaiser vs Condor Flugdienst GmbH

**(Kawża C-46/14)**

(2014/C 142/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Rüsselsheim

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Jürgen Kaiser

*Konvenuta:* Condor Flugdienst GmbH

## Domandi preliminari

Trasportatur tal-ajru għandu, sabiex ikun jista' jinvoka l-possibbiltà ta' eżonerazzjoni prevista fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament [Nru 261/2004] ([1]), jallega u jipprova li huwa jkun ħa l-miżuri raġonevoli kollha sabiex jevita l-konsegwenzi prevedibbli taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali fil-forma ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil jew li huwa ma kellux il-possibbiltà li jieħu tali miżuri raġonevoli?

([1]) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

---

# Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fl-4 ta' Frar 2014 – Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG vs Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung

**(Kawża C-51/14)**

(2014/C 142/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Qorti tar-rinviju

Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG

*Konvenuti:* Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung

## Domandi preliminari

1. L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1998/78 ([1]) jirregola b'mod definittiv is-sostituzzjoni taz-zokkor fil-qasam tal-kumpens għall-ispejjeż tal-ħażna u din id-dispożizzjoni ma tiffissax bħala kundizzjoni l-fatt li z-zokkor għas-sostituzzjoni għandu jkun maħdum minn produttur ieħor stabbilit fit-territorju tal-istess Stat Membru?

2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1998/78 jipprovdi, li sabiex jinkiseb ir-rimbors tal-ispejjeż tal-ħażna, iz-zokkor Ċ għas-sostituzzjoni jkun "materjalment mibdul" għand il-produttur taz-zokkor?

3. Fil-każ li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2670/81 ([2]) ikun applikabbli fil-każ tas-sostituzzjoni taz-zokkor: l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2670/81 jipprovdi li, sabiex jinkiseb ir-rimbors għall-ispejjeż tal-ħażna taz-zokkor, iz-zokkor Ċ għas-sostituzzjoni jkun "materjalment mibdul"?

4. Sussidjarjament, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2670/81 hija nulla sa fejn teħtieġ li z-zokkor għas-sostituzzjoni jkun "maħdum minn manifattur [produttur] ieħor stabbilit fit-territorju ta' l-istess Stat Membru"?

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1998/78, tat-18 ta' Awwissu 1978, li jippreskrivi regoli dettaljati sabiex jiġu kkumpensati l-ispejjeż tal-ħażna taz-zokkor (ĠU L 231, p. 5).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2670/81, tal-14 ta' Settembru 1981, li jippreskrivi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni rigward il-produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 5, p. 85).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Ġermanja) fl-4 ta' Frar 2014 – Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG vs Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung**

**(Kawża C-52/14)**

(2014/C 142/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberverwaltungsgericht für das Land Nordrhein-Westfalen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Pfeifer & Langen GmbH & Co. KG

*Konvenuti:* Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung

**Domandi preliminari**

1) Fil-qasam tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-awtoritajiet kompetenti fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([1]) huma dawk li għandhom il-kompetenza fil-qasam tal-investigazzjoni jew tal-proċeduri legali, indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk dawn akkordawx il-mezzi finanzjarji? L-att tal-investigazzjoni jew tal-proċeduri legali għandu jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura jew ta' sanzjoni amministrattiva?

2) Il-"persuna in kwistjoni" fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 tista' tkun ukoll impjegat ta' impriża li jkun instema' bħala xhud?

3) "[K]walsiasi att [...] notifikat lill-persuna in kwistjoni, li jkollha x'taqsam ma' l-investigazzjoni jew proċeduri legali dwar l-irregolarità" [it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95] għandu jipprevedi żball konkret imwettaq mill-manifattur taz-zokkor fir-reġistrazzjoni tal-produzzjoni taz-zokkor (settijiet ta' fatti), li normalment huwa previst jew ikkonstatat biss fl-ambitu ta' investigazzjoni regolarment imwettqa fil-kuntest ta' organizzazzjoni tas-swieq? Rapport finali li jagħlaq l-investigazzjoni jew li jevalwa r-riżultati tal-investigazzjoni, li fiha ma ssir ebda mistoqsija oħra fir-rigward ta' ċerti fatti, jista' wkoll ikun "att ta' investigazzjoni" notifikat?

4) Il-kunċett ta' "irregolaritajiet ripetuti" fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 jeżiġi li l-atti jew l-ommissjonijiet ikklassifikati bħala irregolaritajiet ikollhom rabta kronoloġika stretta sabiex ikun jista' jibqa' jitqies li hemm "repetizzjoni"? Fil-każ ta' risposta affermattiva: Din ir-rabta kronoloġika stretta tonqos, *inter alia,* minħabba li l-irregolarità fir-reġistrazzjoni ta' kwantità ta' zokkor isseħħ biss darba matul sena taz-zokkor u din tiġi ripetuta biss matul is-sena taz-zokkor ta' wara jew sena sussegwenti?

5) L-element ta' repetizzjoni fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 jista' ma jibqax jeżisti minħabba l-fatt li l-awtoritajiet kompetenti, fid-dawl tal-kumplessità tal-fatti, ma ssuġġettawx lill-impriża għal investigazzjoni, skont il-każ għal investgazzoni regolari jew fid-dettall?

6) Meta jibda jiddekorri t-terminu doppju ta' preskrizzjoni ta' 8 snin previst fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 fil-każ ta' irregolaritajiet kontinwi jew repetuti? Dan it-terminu jibda jiddekorri fi tmiem kull att li għandu jitqies bħala irregolarità [l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament], jew fi tmiem l-aħħar att repetut [it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament]?

7) It-terminu dobbju ta' 8 snin previst fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 jista' jiġi sospiż b'atti ta' investigazzjoni jew ta' proċeduri legali mill-awtoritajiet kompetenti?

8) Fil-preżenza ta' settijiet ta' fatti differenti li jinfluwenza l-evalwazzjoni tas-sussidji, it-termini ta' preskrizzjoni li għandhom jiġu kkalkolati skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandhom jiġu ddeterminati b'mod distint għal kull sett ta' fatti (irregolaritajiet)?

9) Id-dekorrenza tat-terminu doppju ta' preskrizzjoni fis-sens tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 tiddependi mill-għarfien li l-awtoritjaiet ikollhom tal-irregolaritajiet?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fis-6 ta' Frar 2014 – Hauptzollamt Hannover vs Amazon EU Sàrl**

**(Kawża C-58/14)**

(2014/C 142/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti fil-kassazzjoni:* Hauptzollamt Hannover

*Konvenuta fil-kassazzjoni:* Amazon EU Sàrl

**Domandi preliminari**

1) Id-deskrizzjoni tal-merkanzija tas-subintestatura 8543 7010 tan-Nomenklatura Magħquda ([1]) għandha tinftiehem fis-sens li jaqa' taħt din is-subintestatura biss l-apparat li għandu esklużivament funzjonijiet ta' traduzzjoni jew ta' dizzjunarju?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, għandu jiġi kklassifikat ukoll taħt is-subintestatura 8543 7010 tan-Nomenklatura Magħquda l-apparat li l-funzjoni ta' traduzzjoni jew ta' dizzjunarju tiegħu ma hijiex sinjifikattiva meta mqabbla mal-funzjoni prinċipali tiegħu (il-funzjoni ta' qari)?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru°2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru°861/2010, tal-5 ta' Ottubru 2010, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru°2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni tad-Dwana (ĠU L 284, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fis-7 ta' Frar 2014 – Firma Ernst Kollmer Fleischimport und -export vs Hauptzollamt Hamburg-Jonas**

**(Kawża C-59/14)**

(2014/C 142/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Firma Ernst Kollmer Fleischimport und -export

*Konvenut:* Hauptzollamt Hamburg-Jonas

**Domandi preliminari**

1) Meta l-ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju jiġi kkonstatat biss wara li jkun seħħ preġudizzju, l-irregolarità neċessarja sabiex jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([1]), iddefinita fl-Artikolu 1(2) tal-istess regolament, tippresupponi barra minn hekk, minbarra azzjoni jew ommissjoni min-naħa tal-operatur ekonomiku, li jkun ġie ppreġudikat il-baġit ġenerali tal-Unjoni jew il-baġits iġġestiti minnha, b'tali mod li t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri biss mill-mument li fih ikun seħħ il-preġudizzju, jew inkella t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-azzjoni jew mill-ommissjoni tal-operatur ekonomiku li tikkostitwixxi ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, irrispettivament mill-mument li fih ikun seħħ il-preġudizzju?

2) Fil-każ li għall-ewwel domanda tingħata r-risposta fis-sens li t-terminu ta’ preskrizzjoni jibda jiddekorri biss mill-mument li fih ikun seħħ il-preġudizzju:

preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 iseħħ – fir-rigward tal-irkupru ta’ ħlas lura fuq l-esportazzjoni mogħti b’mod definittiv – mill-mument li fih ammont ugwali għall-ħlas lura fuq l-esportazzjoni jkun tħallas lill-esportatur skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KEE) Nru 565/80, mingħajr ma tkun għadha ġiet użata l-garanzija msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80, jew dan iseħħ biss fil-mument tal-użu tal-garanzija jew tal-għoti definittiv tal-ħlas lura fuq l-esportazzjoni?

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tat-18 ta’ Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija) fl-10 ta’ Frar 2014 – Finanzamt Linz vs Bundesfinanzgericht, Außenstelle Linz

**(Kawża C-66/14)**

(2014/C 142/18)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgerichtshof

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Finanzamt Linz

*Awtorità konvenuta:* Bundesfinanzgericht, Außenstelle Linz

*Intervenjenti:* IFN-Holding AG, IFN Beteiligungs GmbH

### Domandi preliminari

1. Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 107 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 87 KE) u tal-Artikolu 108(3) TFUE [li qabel kien l-Artikolu 88(3) KE] jipprekludu miżura nazzjonali li tipprevedi li, fil-kuntest tat-tassazzjoni ta’ grupp ta’ impriżi, għandu jsir deprezzament tal-valur kummerċjali tal-impriża (li jnaqqas il-valur taxxabbli u għaldaqstant l-ammont tat-tassazzjoni) wara l-akkwist ta’ sehem f’kumpannija residenti, meta, f’każijiet oħra ta’ tassazzjoni tad-dħul u tal-kumpanniji, wara l-akkwist ta’ parteċipazzjoni, tali deprezzament tal-valur kummerċjali tal-impriża ma huwiex awtorizzat?

2. Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 49 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 43 KE) u tal-Artikolu 54 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 48 KE) jipprekludu dispożizzjonijiet ta’ Stat Membru li jipprevedu li, fil-kuntest tat-tassazzjoni ta’ grupp ta’ impriżi, għandu jsir deprezzament tal-valur kummerċjali tal-impriża wara l-akkwist ta’ sehem f’kumpannija residenti, meta, wara l-akkwist ta’ sehem f’kumpannija mhux residenti (b’mod partikolari f’kumpannija residenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni), ma jkunx possibbli li jsir tali deprezzament tal-valur kummerċjali tal-impriża?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundessozialgericht (il-Ġermanja) fl-10 ta’ Frar 2014 – Jobcenter Berlin Neukölln vs Nazifa Alimanovic *et*

**(Kawża C-67/14)**

(2014/C 142/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Bundessozialgericht

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Jobcenter Berlin Neukölln

*Konvenuti:* Nazifa Alimanovic, Sonita Alimanovic, Valentina Alimanovic, Valentino Alimanovic

**Domandi preliminari**

1) Il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 ([1]), japplika wkoll – bl-eċċezzjoni tal-esklużjoni tal-esportazzjoni tal-benefiċċji prevista fl-Artikolu 70(4) tal-imsemmi regolament – għall-benefiċċji speċjali li ma humiex kontributorji u li jingħataw fi flus fis-sens tal-Artikolu 70(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004?

2) Fil-każ ta’ risposta affermattiva għall-ewwel domanda, restrizzjonijiet għall-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 permezz ta’ dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ traspożizzjoni tal-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/CE ([2]) li bis-saħħa tagħhom l-aċċess għal dawn il-benefiċċji ma jeżisti taħt l-ebda cirkustanza meta dritt ta’ residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni fi Stat Membru ieħor jirriżulta unikament mill-għan ta’ tfittxija ta’ xogħol, huma possibbli u f’dak il-każ sa liema estent?

3) L-Artikolu 45(2) TFUE, flimkien mal-Artikolu 18 TFUE, jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tirrifjuta, mingħajr eċċezzjoni, għat-tul tad-dritt ta’ residenza unikament għall-finijiet ta’ tfittxija ta’ xogħol u indipendentement minn rabta mal-Istat Membru ospitanti, liċ-ċittadini tal-Unjoni li bħala persuni li jkunu qed ifittxu xogħol jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta’ moviment liberu, benefiċċju soċjali li jservi sabiex jiġu ggarantiti l-mezzi tal-għajxien u li fl-istess waqt jiffaċilita wkoll l-aċċess għas-suq tax-xogħol?

([1]) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta’ April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

([2]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta’ April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Sibiu (ir-Rumanija) fl-10 ta’ Frar 2014 – Dragoş Constantin Târşia vs Statul român – prin Ministerul Finanțelor și Economiei, Serviciul Public Comunitar Regim Permise de Conducere si Inmatriculare a Autovehiculelor**

**(Kawża C-69/14)**

(2014/C 142/20)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Sibiu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Dragoş Constantin Târşia

*Konvenuti:* Statul român – prin Ministerul Finanțelor și Economiei, Serviciul Public Comunitar Regim Permise de Conducere si Inmatriculare a Autovehiculelor

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 17, 20, 21 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta’ ċertezza legali stabbilit mid-dritt Komunitarju [tal-Unjoni] u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jiġu interpretati bħala li jipprekludu leġiżlazzjoni bħall-Artikolu 21(2) tal-Liġi Nru 554/2004 li jipprovdi għal reviżjoni interna ta’ sentenzi ta’ qrati nazzjonali mogħtija esklużivament fi kwistjonijiet kontenzjużi amministrattivi bi ksur tal-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt Komunitarju [tal-Unjoni] u li ma jippermettux il-possibbiltà li jirrevedu deċiżjonijiet ta’ qrati nazzjonali mogħtija f’kuntesti li ma humiex proċeduri kontenzjużi amministrattivi (ċivili, kriminali) fil-każ ta’ ksur tal-istess prinċipju ta’ supremazija tad-dritt Komunitarju [tal-Unjoni] f’dawn is-sentenzi?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gerechtshof 's-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-10 ta' Frar 2014 – X, konvenut: Directeur van het onderdeel Belastingregio Belastingdienst/X van de Rijksbelastingdienst**

**(Kawża C-72/14)**

(2014/C 142/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Gerechtshof 's-Hertogenbosch

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* X

*Konvenut:* Directeur van het onderdeel Belastingregio Belastingdienst/X van de Rijksbelastingdienst

### Domandi preliminari

1) Fis-sentenza Fitzwilliam ([1]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċertifikat E101 maħruġ mill-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru huwa meħtieġ fir-rigward tal-istituzzjonijiet ta' sigurtà soċjali ta' Stati Membri oħra, anki fil-każ fejn dan iċ-ċertifikat ma jkunx materjalment eżatt. Din il-konklużjoni tapplika wkoll f'każijiet bħal dan, fejn ir-regoli ta' deżinjazzjoni tar-Regolament ([2]) ma japplikawx?

2) Għall-finijiet tar-risposta għal din id-domanda, għandu impatt il-fatt li l-istituzzjoni kompetenti, li ma kellhiex l-intenzjoni li toħroġ ċertifikat E101, madankollu użat, għal raġunijiet amministrattivi, konxjament u intenzjonalment, dokumenti li kienu jippreżentaw ruħhom, mill-forma u mill-kontenut tagħhom, bħala ċertifikati E101, filwaqt li l-persuna interessata kienet taħseb u setgħet raġonevolment taħseb li kisbet tali ċertifikat?

([1]) Sentenza tal-10 ta' Frar 2000, FTS (C-202/97, Ġabra p. I-883).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fl-10 ta' Frar 2014 – UAB "Eturas" *et* vs Lietuvos Respublikos konkurencijos taryba**

**(Kawża C-74/14)**

(2014/C 142/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

### Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* UAB "Eturas" *et*

*Konvenuta:* Lietuvos Respublikos konkurencijos taryba

*Terzi intervenjenti fil-proċedura:* UAB "Aviaeuropa", UAB "Grand Voyage", UAB "Kalnų upė", UAB "Keliautojų klubas", UAB "Smaragdas travel", UAB "700LT", UAB "Aljus ir Ko", UAB "Gustus vitae", UAB "Tropikai", UAB "Vipauta", UAB "Vistus"

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ fejn operaturi ekonomiċi jipparteċipaw f'sistema ta' informazzjoni komuni bħal dik deskritta f'dan il-każ u fejn il-Kunsill għall-kompetizzjoni jipprova li avviż tas-sistema fuq limitazzjoni tal-iskontijiet ixxandar fi ħdan din is-sistema u restrizzjoni teknika stabbilita għad-dħul informatiku tar-rata tal-iskontijiet, jista' jiġi preżunt li dawn l-operaturi kienu jafu jew kellhom neċessarjament ikunu jafu bl-avviż imxandar u li, billi ma opponewx ruħhom għal-limitazzjoni tal-iskontijiet imwettqa, huma qablu magħha b'mod taċitu, u dan jippermetti li huma jinżammu responsabbli għal prattika mifthiema fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE?

2) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, liema huma l-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi deċiż jekk operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw f'sistema komuni ta' informazzjoni f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jipparteċipawx fi prattika miftiehma fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Hannover (il-Ġermanja) fl-14 ta' Frar 2014 – TUIfly GmbH vs Harald Walter

**(Kawża C-79/14)**

(2014/C 142/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Landgericht Hannover

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* *TUIfly GmbH*

*Konvenut:* Harald Walter

**Domandi preliminari**

I. L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-Regolament ikopri wkoll "tluq antiċipat" mhux imħabbar ta' titjira bil-konsegwenza li l-passiġġieri ma jkunux jistgħu jieħdu t-titjira inkwistjoni?

II. Ir-Regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5, il-kawża tad-dewmien ma hijiex deċiżiva?

III. L-għan tar-Regolament, jiġifieri l-kumpens għad-dannu li jirriżulta minn telf ta' ħin, huwa wkoll affettwat meta l-passiġġier jasal iktar kmieni u meta l-ħin li huwa jkollu qabel it-titjira jiġi affettwat b'dan il-mod?

IV. L-assenza ta' komunikazzjoni li l-ħin tat-titjira ġie antiċipat, li kellha bħala konsegwenza li l-post tal-vaganzi ntlaħaq iktar tard milli previst, twassal għall-applikazzjoni tar-Regolament?

V. L-għan tar-Regolament ta' livell għoli ta' protezzjoni għandu jkollu l-konsegwenza li l-passiġġier ikun protett minn kull restrizzjoni tal-ħin fid-dispożizzjoni tiegħu, u dan ukoll fir-rigward ta' tluq antiċipat?

([1]) Regolament (KE) Nru°261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-17 ta' Frar 2014 – Nannoka Vulcanus Industries BV vs College van gedeputeerde staten van Gelderland

**(Kawża C-81/14)**

(2014/C 142/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Nannoka Vulcanus Industries BV

*Konvenuta:* College van gedeputeerde staten van Gelderland

**Domandi preliminari**

1) L-Anness II B tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/13/KE, tal-11 ta' Marzu 1999, dwar il-limitazzjoni ta' taħlit volatili organiku minħabba l-użu ta' solventi organiku f'ċerti attivitajiet u stallazzjonijiet ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li operatur ta' stallazzjonijiet li fir-rigward tagħhom jista' jiġi preżunt kontenut kostanti ta' solidi, u jintuża dan il-kontenut sabiex jiġi definit il-punt ta' riferiment għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, għandu jkun jista', meta l-prodotti ta' sostituzzjoni li jkunu jinkludu ftit jew ebda solventi jkunu għadhom qed jiġi żviluppati, jibbenefika minn estensjoni tat-terminu għall-applikazzjoni tal-iskema ta' tnaqqis tiegħu, b'deroga mill-perijodu stabbilit fl-imsemmi anness?

F'każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1:

2) Estensjoni tat-terminu għall-applikazzjoni ta' skema ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, kif prevista mill-Anness II B tad-Direttiva 1999/13, tirrikjedi t-twettiq ta' att partikolari mill-operatur tal-istallazzjonijiet ikkonċernati jew awtorizzaz-zjoni mill-awtoritajiet kompetenti?

3) Abbażi ta' liema kriterji jista' jiġi stabbilit it-tul tal-estensjoni tat-terminu previst fl-Anness II B tad-Direttiva 1999/13?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4 , p. 118.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione l-Italja) fis-17 ta' Frar 2014 – Agenzia delle Entrate vs Nuova Invincibile**

**(Kawża C-82/14)**

(2014/C 142/25)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Corte Suprema di Cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Agenzia delle Entrate

*Konvenuta:* Nuova Invincibile

**Domanda preliminari**

Miżura (bħall-amnestija fiskali prevista fl-Artikolu 9(17) tal-Liġi Nru 289/2002, li tirrigwarda perijodi mbiegħda u li hija intiża sabiex tikkumpensa, sa ċertu punt, lil persuni milquta minn katastrofi naturali) li għandha effett fuq is-somom globali riċevuti (jew li għandhom jiġu riċevuti) wara l-applikazzjoni tal-VAT taqa' jew ma taqax taħt il-projbizzjoni li fuqha hija bbażata s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Lulju 2008 fil-Kawża C-132/06?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen săd Sofia-grad (il-Bulgarija) fis-17 ta' Frar 2014 – CHEZ Razpredelenie Bălgaria AD vs Komisia za zashtita ot diskriminatsia**

**(Kawża C-83/14)**

(2014/C 142/26)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Administrativen săd Sofia-grad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* CHEZ Razpredelenie Bălgaria AD

*Konvenuta:* Komisia za zashtita ot diskriminatsia

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Anelia Nikolova u Dărzhavna komisia za energiyno i vodno regulirane

**Domandi preliminari**

1) Il-kunċett ta' "etniċità", użat fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità ([1]), u l-kunċett ta' "oriġini etnika", użat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jkopru grupp kompatt ta' ċittadini Bulgari ta' oriġini Roma bħal dawk li jgħixu fiż-żona "Gizdova mahala" f'Dupnitsa?

2) Il-kunċett ta' "sitwazzjoni komparabbli" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/43 huwa applikabbli fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali, fejn l-istrumenti għal kejl kummerċjali huma installati, f'żoni Roma, f'għoli ta' bejn sitt u seba' metri, meta normalment, f'żoni oħra fejn ma hemmx popolazzjoni kompatta ta' Roma, jiġu installati f'għoli ta' inqas minn żewġ metri?

3) L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/43 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-installazzjoni, f'żoni Roma, ta' strumenti għal kejl kummerċjali f'għoli ta' bejn sitt u seba' metri, tikkostitwixxi trattament inqas favorevoli tal-popolazzjoni ta' oriġini Roma meta mqabbla mal-popolazzjoni ta' oriġini etnika differenti?

4) Jekk dan huwa trattament inqas favorevoli, id-dispożizzjoni msemmija għandha tiġi interpretata fis-sens li, fid-dawl tal-fatti fil-kawża prinċipali, dan it-trattament huwa dovut kompletament jew parzjalment għall-fatt li hija involuta l-etniċità Roma?

5) Dispożizzjoni nazzjonali bħalma huwa l-punt 7 tal-paragrafu 1 tad-dispożizzjonijiet komplementari tal-Liġi dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjonijiet (Zakon za zashtita ot diskriminatsia, iktar 'il quddiem iz-"ZZD"), li jipprovdi li kull aġir (att jew ommissjoni) li jippreġudika direttament jew indirettament id-drittijiet jew l-interessi leġittimi jikkostitwixxi "trattament sfavorevoli", hija kompatibbli mad-Direttiva 2000/43?

6) Il-kunċett ta' "prattika apparentement newtrali" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43 japplika għall-prattika tal-kumpannija CHEZ Razpredelenie Bălgaria AD li tinvolvi t-tqegħid ta' strumenti ta' kejl kummerċjali f'għoli ta' bejn sitt u seba' metri? L-avverbju "apparentement" għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prattika tkun manifestament newtrali jew inkella fis-sens li l-prattika tidher newtrali biss *prime facie*, jiġifieri, fi kliem ieħor, li hija newtrali biss fl-apparenza?

7) Sabiex ikun hemm każ ta' diskriminazzjoni indiretta fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43, huwa meħtieġ li l-prattika newtrali tqiegħed lill-persuna f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ partikolari minħabba karatteristika personali marbuta mar-razza jew mal-oriġini etnika, jew inkella huwa biżżejjed li din il-prattika tikkonċerna lil persuni ta' oriġini etnika partikolari? F'dan is-sens, dispożizzjoni nazzjonali bħalma hija l-Artikolu 4(3) taz-ZZD, li jipprovdi li diskriminazzjoni indiretta tikkonsisti f'li persuna titqiegħed f'sitwazzjoni iktar sfavorevoli minħabba l-karatteristiċi personali msemmija fil-paragrafu 1 (inkluża l-etniċità), hija kompatibbli mal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43?

8) Kif għandhom jiġu interpretati l-kliem "żvantaġġ partikolari" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43? Dan il-kunċett huwa analogu għal dak ta' "trattament inqas favorevoli" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-direttiva msemmija, jew inkella jikkonċerna biss każijiet ta' inugwaljanza gravi, flagranti u partikolarment sinjifikattivi? Il-prattika deskritta f'dan il-każ tikkostitwixxi żvantaġġ partikolari? Jekk il-każ ta' persuna mqiegħda f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ ma huwiex każ gravi, flagranti u partikolarment sinjifikattiv, dan huwa biżżejjed sabiex jiġġustifika l-assenza ta' diskriminazzjoni diretta (mingħajr ma tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' jekk il-prattika inkwistjoni hijiex iġġustifikata, xierqa u neċessarja sabiex jintlaħaq għan leġittimu)?

9) L-Artikolu 4(2) u (3) taz-ZZD, li jeżiġi "trattament iktar sfavorevoli" sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' diskriminazzjoni diretta, kif ukoll il-"fatt li dak li jkun jitqiegħed f'sitwazzjoni iktar sfavorevoli" sabiex tiġi stabbilita diskriminazzjoni diretta, mingħajr ma jagħmel distinzjoni fuq il-bażi tal-gravità tad-diversi trattamenti sfavorevoli, kif tagħmel id-Direttiva 2000/43, huwa kompatibbli mal-Artikolu 2(2)(a) u (b) ta' din id-direttiva?

10) L-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/43 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prattika kontenzjuża ta' CHEZ hija oġġettivament iġġustifikata sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tan-network ta' trasport tal-elettriku u tal-kontroll adegwat tal-konsum tal-enerġija elettrika? Din il-prattika hija xierqa wkoll fid-dawl tal-obbligu tal-konvenuta li tiggarantixxi l-aċċess liberu tal-klijenti għall-indikazzjonijiet tal-meters tal-elettriku? Din il-prattika hija neċessarja sa fejn hemm mezzi oħra sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-istrumenti ta' kejl kummerċjali, mezzi li huma aċċessibbli teknikament u finanzjarjament u li huma magħrufa permezz ta' artikli li dehru fil-mezzi ta' komunikazzjoni?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social nº 1 de Granada (Spanja) fit-18 ta' Frar 2014 – Marta León Medialdea vs Ayuntamiento de Huetor Vega

**(Kawża C-86/14)**

(2014/C 142/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Juzgado de lo Social nº 1 de Granada

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Marta León Medialdea

*Konvenut:* Ayuntamiento de Huetor Vega

### Domandi preliminari

1) Il-ħaddiem għal żmien indeterminat mhux permanenti, kif iddefinit mil-liġi u mill-ġurisprudenza Spanjola, huwa, skont id-definizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ([1]), ħaddiem għal żmien determinat?

2) Interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dritt intern mill-qorti nazzjonali fejn skont dawn, fil-każ ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat frawdolenti fis-settur pubbliku, mibdula f'kuntratti għal żmien indeterminat mhux permanenti, l-amministrazzjoni tista' timla jew telimina l-pożizzjoni unilateralment mingħajr ma tagħti ebda kumpens lill-ħaddiem u mingħajr ma jiġu previsti miżuri oħra li jillimitaw l-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien determinat huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?

3) Tali attitudni tal-amministrazzjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jekk, meta hija tiddeċiedi li timla jew telimina l-pożizzjoni, hija tagħti l-kumpens previst għall-waqfien ta' kuntratti għal żmien determinat regolarment konklużi?

4) Tali attitudni tal-amministrazzjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jekk, meta hija tiddeċiedi li timla jew telimina l-pożizzjoni, hija kellha tirrikori għall-proċeduri u għar-raġunijiet previsti għat-tkeċċijiet minħabba raġunijiet oġġettivi, bl-għoti tal-istess kumpens?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fil-21 ta' Frar 2014 – A2A SpA vs Agenzia delle Entrate

**(Kawża C-89/14)**

(2014/C 142/28)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Corte Suprema di Cassazione

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* A2A SpA

*Konvenuta:* Agenzia delle Entrate.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]) u l-Artikoli 9, 11 u 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 659/1999 ([2]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, fir-rigward tal-irkupru ta' għajnuna mill-Istat sussegwentement għal deċiżjoni tal-Kummissjoni nnotifikata fis-7 ta' Ġunju 2002, li l-interessi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 (u b'mod partikolari tal-Artikoli 9 u 11 tiegħu), billi għalhekk tiġi applikata rata ta' interessi bbażata fuq is-sistema tal-interessi komposti?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8,Vol. 1, p. 339.

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8,Vol. 4, p. 3).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Judecătoria Câmpulung (ir-Rumanija) fil-25 ta' Frar 2014 – Liliana Tudoran, Florin Iulian Tudoran, Ilie Tudoran vs SC Suport Colect SRL**

**(Kawża C-92/14)**

(2014/C 142/29)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Judecătoria Câmpulung

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Liliana Tudoran, Florin Iulian Tudoran, Ilie Tudoran

*Konvenuta:* SC Suport Colect SRL

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([1]), u tad-Direttiva Nru 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE ([2]), huma applikabbli għal kuntratt ta' kreditu konkluż fil-5 ta' Ottubru 2006, qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, iżda li għadu jipproduċi effetti llum 'il ġurnata peress li d-dispożizzjonijiet tiegħu ġew implementati attwalment wara trasferimenti sussegwenti tal-kreditu previst fil-kuntratt imsemmi?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, klawżoli bħal dawk dwar is-"servizz tad-dejn ta' min jissellef" b'riferiment għall-eżistenza ta' dewmien ta' ħlas mid-debitur, kif ukoll dawk dwar iż-żieda tal-interessi wara sena, data li b'effett minnha l-interessi jkunu kkostitwiti mir-rata ta' referenza varjabbli tal-Banca Commercială Româna, kif indikata fis-sede tal-bank, miżjuda b'1,90 [punti perċentwali], jistgħu jitqiesu bħala inġusti fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur?

3) Il-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni, kif iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħalma huwa l-Artikolu 120 tad-Digriet b'urġenza Nru 99, ta' Diċembru 2006, dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-livelli adegwati ta' kapital, li tirrikonoxxi bħala titolu eżekuttiv kuntratt ta' self bankarju konkluż fl-assenza ta' forma awtentika u mingħajr ebda possibbiltà għal min jissellef li jinnegozja l-klawżoli tiegħu, u li bis-saħħa tiegħu, wara verifika sommarja u l-kisba ta' awtorizzazzjoni sabiex jiġi infurzat fil-kuntest ta' proċedura mhux kontenzjuża li ftit li xejn tagħti l-possibbiltà lill-qorti li tistħarreġ il-portata tal-kreditu, il-marixxall tal-qorti jista' jipproċedi bl-infurzar fuq il-beni tad-debitur?

4) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħalma huma l-Artikoli 372 *et seq* ta' dak li kien il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, li tippermetti lill-kreditur jitlob l-eżekuzzjoni ta' prestazzjoni li tirriżulta minn klawżoli kuntrattwali inġusti billi tiġi eżegwita l-garanzija fuq proprjetà immobbli permezz tal-bejgħ tal-immobbli minkejja l-oppożizzjoni min-naħa tal-konsumatur, mingħajr ma l-imsemmija klawżoli kuntrattwali ma kienu eżaminati minn qorti indipendenti?

5) L-eżistenza fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dispożizzjoni, bħalma huwa l-Artikolu 120 tad-Digriet b'urġenzu Nru 99, ta' Diċembru 2006, dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-livelli adegwati ta' kapital, li tirrikonoxxi bħala titolu eżekuttiv kuntratt ta' self bankarju, hija ta' natura li tippreġudika l-libertà ta' stabbiliment prevista fl-Artikolu 49 [TFUE], kif ukoll il-libertà li jiġu pprovduti servizzi prevista fl-Artikolu [56] TFUE, sa fejn tiddiswadi liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea milli jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru fejn kuntratt bankarju konkluż minn istituzzjoni privata jingħata l-istess valur bħal titolu eżekuttiv li jammonta għal deċiżjoni ġudizzjarja?

6) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għad-domandi preċedenti, il-qorti nazzjonali tista' tqajjem *ex officio* n-natura mhux eżekuttiva ta' tali titolu li bis-saħħa tagħha jiġi infurzat kreditu previst f'tali kuntratt?

---

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.
([2]) ĠU L 133 p. 66.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fis-27 ta' Frar 2014 – Flight Refund Ltd vs Deutsche Lufthansa AG**

**(Kawża C-94/14)**

(2014/C 142/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Kúria

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Flight Refund Ltd.

*Konvenuta:* Deutsche Lufthansa AG

**Domandi preliminari**

1) Huwa possibbli li talba għal kumpens ibbażata fuq l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Montréal titressaq fil-kuntest tal-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea?

2) Fir-rigward ta' talba għal kumpens ibbażata fuq l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Montréal, il-ġurisdizzjoni ta' nutar – assimilat għal qorti nazzjonali – awtorizzat li joħroġ ordni ta' ħlas Ewropea u, wara li jkun hemm proċedura kontenzjuża mibdija fuq dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni mressqa mill-konvenut, il-ġurisdizzjoni ġudizzjarja, huma ddeterminati mir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea ([1]) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1896/2006"), fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([2]) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 44/2001"), u/jew mill-Konvenzjoni għall-unifikazzjoni ta' ċerti regoli għat-trasport internazzjoni bl-ajru, konkluża f'Montréal fit-28 ta' Mejju 1999 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Montréal")? Dawn id-dispożizzjonijiet legali kif jirrelataw ma xulxin?

3) Fil-każ fejn ir-regoli ta' ġurisdizzjoni previsti fil-Konvenzjoni ta' Montréal jieħdu l-preċedenza, l-applikant jista', anki fl-assenza ta' kull element ta' rabta supplimentari, iressaq it-talba tiegħu, skont l-għażla tiegħu, quddiem qorti stabbilita fit-territorju ta' Stat Parti, jew inkella l-qorti li quddiemha huwa jressaq it-talba għandha jkollha l-ġurisdizzjoni territorjali abbażi tar-regoli proċedurali tal-Istat Membru li taħtu taqa'?

Barra minn hekk, kif għandha tiġi interpretata r-regola li tipprovdi għal għażla tal-ġurisdizzjoni prevista fil-Konvenzjoni ta' Montréal, li ssemmi l-qorti tal-post fejn it-trasportatur għandu post tan-negozju li permezz tiegħu sar il-kuntratt?

4) Ordni ta' ħlas Ewropea li nħarġet bi ksur tal-għan tar-Regolament jew minn awtorità li ma għandiex ġurisdizzjoni *ratione materiae* tista' tiġi eżaminata mill-ġdid *ex officio*? Jew inkella, il-proċedura kontenzjuża mibdija wara t-tressiq ta' dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għandha, fl-assenza ta' ġurisdizzjoni, tiġi mitmuma *ex officio* jew fuq talba?

5) Sa fejn il-qrati Ungeriżi għandhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu l-proċedura kontenzjuża, id-dispożizzjonijiet tad-dritt proċedurali nazzjonali għandhom jiġu interpretati, skont id-dritt tal-Unjoni u l-Konvenzjoni ta' Montréal, fis-sens li dawn neċessarjament jindikaw minn tal-inqas qorti waħda li, anki fl-assenza ta' kull element ieħor ta' rabta, għandha l-obbligu li tiddeċiedi fuq il-mertu tal-proċedura kontenzjuża mibdija wara dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni.

(1) ĠU L 399, p. 1.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de grande instance de Nîmes (Franza) fit-28 ta' Frar 2014 – Jean-Claude Van Hove vs CNP Assurance SA

**(Kawża C-96/14)**

(2014/C 142/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de grande instance de Nîmes

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Jean-Claude Van Hove

*Konvenuta:* CNP Assurance SA

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ([1]), għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' klawżola li tirrigwarda d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt imsemmi f'din id-dispożizzjoni jkopri klawżola stipulata f'kuntratt ta' assigurazzjoni intiż li jiggarantixxi t-teħid ta' responsabbiltà għall-ħlasijiet dovuti lill-persuna li ssellef fil-każ ta' inkapaċità totali għax-xogħol ta' min jissellef, li teskludi lill-assigurat mill-benefiċċju ta' din il-garanzija jekk jiġi ddikjarat li huwa jista' jeżerċita attività mhux imħallsa?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fit-3 ta' Marzu 2014 – SMK Kft. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Adó Főigazgatósága, Nemzeti Adó- és Vámhivatal

**(Kawża C-97/14)**

(2014/C 142/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Gyulai Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SMK Kft.

*Konvenuti:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-alföldi Regionális Adó Főigazgatósága, Nemzeti Adó- és Vámhivatal.

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 55 tad-Direttiva tal-VAT ([1]), fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2010, għandu jinftiehem fis-sens li din id-dispożizzjoni tikkonċerna biss lill-persuni taxxabbli li jirċievu servizzi li ma kinux iddikjarati għall-finijiet tal-VAT, jew li ma kinux obbligati jiġu ddikjarati, fl-Istat Membru fejn il-provvista ta' servizzi twettqet fiżikament?

2) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, huwa esklużivament l-Artikolu 52 tad-Direttiva tal-VAT li japplika sabiex jiġi ddeterminat il-post tal- provvista ta' servizzi?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 55 tad-Direttiva tal-VAT, fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2010, għandu jinftiehem fis-sens li, jekk persuna taxxabbli li tibbenefika minn servizzi ta' subappalt ikollha, jew għandu jkollha, numru ta' identifikazzjoni tal-VAT f'diversi Stati Membri, hija din il-persuna taxxabbli li għandha tiddeċiedi esklużivament taħt liema numru fiskali hija tibbenefika minn din il-provvista ta' servizzi (inkluż fil-każ fejn il-persuna taxxabbli li tibbenefika mill-provvista ta' servizzi titqies li hija stabbilita fl-Istat Membru tal-post fejn il-provvista ta' servizzi twettqet fiżikament, iżda għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT ta' Stat Membru ieħor)?

4) Jekk ir-risposta għat-tielet domanda tkun li l-benefiċjarju ta' servizzi għandu dritt ta' għażla mingħajr limitu, l-Artikolu 55 tad-Direttiva tal-VAT għandu jinftiehem fis-sens li:

— sal-31 ta' Diċembru 2009, is-servizz jista' jitqies li twettaq taħt in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT indikat mill-benefiċjarju, jekk dan huwa persuna taxxabbli ddikjarata (stabbilita) wkoll fi Stat Membru ieħor, u jekk il-prodotti huma mibgħuta jew ittrasportati barra mill-Istat Membru li fih is-servizz ikun twettaq fiżikament?

— il-fatt li l-benefiċjarju huwa persuna taxxabbli stabbilita fi Stat Membru ieħor, iżda li kkunsinnat il-prodotti finali lil intermedjarju billi bagħtithom jew ittrasportathom barra mill-Istat Membru fejn twettqet il-provvista ta' servizzi, u li l-imsemmi intermedjarju biegħhom fit-tielet Stat Membru tal-Unjoni mingħajr ma l-benefiċjarju tas-servizzi ta' subappalt ikun l-ewwel reġa' bagħat il-prodotti finali lejn l-istabbiliment tiegħu stess, jaffettwa d-determinazzjoni tal-post tal-provvista ta' servizzi?

5) Jekk il-benefiċjarju tas-servizzi ma għandux dritt ta' għażla mingħajr limitu, l-applikabbiltà tal-Artikolu 55 tad-Direttiva tal-VAT, fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2010, hija affettwata

— miċ-ċirkustanzi li fihom il-benefiċjarju tas-servizzi ta' manifattura jakkwista l-materja prima li għandha tinħadem u jagħmilha disponibbli għal dak li sussegwentement jimmanifattura,

— mill-fatt li l-persuna taxxabbli li tibbenefika mis-servizz tbiegħ il-prodotti li jirriżultaw mill-manifattura minn Stat Membru partikolari u taħt numru fiskali partikolari,

— mill-fatt – kif kien il-każ fil-kawża prinċipali – li l-prodotti mmanifatturati li jirriżultaw mill-proċessi ta' manifattura, filwaqt li kienu għadhom fil-pajjiż fejn ġew immanifatturati, kienu s-suġġett ta' diversi istanzi ta' bejgħ fil-kuntest ta' serje ta' operazzjonijiet, imbagħad ġew ittrasportati barra minn dan il-pajjiż, direttament lejn l-indirizz tax-xerrej finali?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fit-3 ta Marzu 2014 – Berlington Hungary Tanácsadó és Szolgáltató Kft. *et* vs Magyar Állam**

**(Kawża C-98/14)**

(2014/C 142/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Berlington Hungary Tanácsadó és Szolgáltató Kft., Lixus Szerencsejáték Szervező Kft., Lixus Projekt Szerencsejáték Szervező Kft., Lixus Invest Szerencsejáték Szervező Kft., Megapolis Terminal Szolgáltató Kft.

*Konvenut:* Magyar Állam (L-Istat Ungeriż)

**Domandi preliminari**

Fir-rigward tal-emendi tal-2011 tal-[Liġi XXXIV tal-1991, dwar l-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-logħob tal-ażżard")] li saru fl-2011, li permezz tagħhom jiżdied l-ammont tat-taxxa fuq il-logħob:

1. Leġiżlazzjoni mhux diskriminatorja ta' Stat Membru li, permezz ta' att uniku u mingħajr ma ppreveda perijodu ta' adattament, timmultiplika b'ħames darbiet l-ammont preċedenti tat-taxxa diretta, imsejħa taxxa fuq il-logħob, li tapplika għall-islot machines operati fis-swali tal-logħob, u li, barra minn hekk, tistabbilixxi taxxa fuq il-logħob f'forma ta' perċentwali, b'tali mod li tiġi limitata l-attività tal-operaturi tal-logħob tal-ażżard li joperaw swali tal-logħob, hija kompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE?

2. L-Artikolu 34 TFUE jista' jiġi interpretat fis-sens li jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu leġiżlazzjoni mhux diskriminatorja ta' Stat Membru li, permezz ta' att uniku u mingħajr perijodu ta' adattament, timmultiplika b'ħames darbiet l-ammont preċedenti tat-taxxa diretta, imsejħa taxxa fuq il-logħob, li tapplika għall-islot machines operati fis-swali tal-logħob, u li, barra minn hekk, tistabbilixxi taxxa fuq il-logħob f'forma ta' perċentwali, b'tali mod li tiġi limitata l-importazzjoni ta' slot machines fl-Ungerija li ġejjin mit-territorju tal-Unjoni Ewropea?

3. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel u/jew għat-tieni domanda, Stat Membru jista', fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 36 TFUE, 52(1) TFUE u 61 TFUE, jinvoka esklużivament ir-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni tal-baġit jew l-eżistenza ta' raġunijiet imperattivi?

4. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel u/jew għat-tieni domanda, fid-dawl tal-Artikolu 6(3) TUE, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fl-evalwazzjoni tar-restrizzjonijiet stabbiliti minn Stat Membru u tal-konċessjoni ta' perijodu ta' adattament għar-regola fiskali?

5. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel u/jew għat-tieni domanda, il-ġurisprudenza tas-sentenza Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93) tista' tiġi interpretata fis-sens li l-ksur tal-Artikolu 34 TFUE u/jew tal-Artikolu 56 TFUE jista' jservi ta' bażi għal obbligu ta' kumpens tal-Istati Membri peress li dawn id-dispożizzjonijiet – minħabba l-effett dirett tagħhom – jagħtu dritt lil individwi tal-Istati Membri?

6. Id-Direttiva 98/34/KE ([1]) għandha tiġi interpretata fis-sens li miżura fiskali ta' Stat Membru li timmultiplika, għal darba biss, b'ħames darbiet l-ammont tat-taxxa diretta, it-taxxa fuq il-logħob li tolqot l-islot machines operati fis-swali ta' logħob, u, barra minn hekk, tistabbilixxi taxxa f'forma ta' perċentwali tikkostitwixxi "regolament tekniku *de facto*"?

7. F'każ ta' risposta affermattiva għas-sitt domanda, persuna fi Stat Membru tista' tallega kontra dan l-Istat, il-ksur mill-Istat Membru tal-Artikolu 8(1) u/jew tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 98/34/KE, inkwantu nuqqas tal-Istat Membru li jista' jiġġustifika obbligu ta' kumpens, jiġifieri, din id-direttiva għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet individwali? Liema aspetti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-qorti nazzjonali sabiex tevalwa jekk il-konvenut wettaqx ksur ta' gravità suffiċjenti u għal liema tip ta' kumpens jagħti dritt dan il-ksur?

Fir-rigward tal-emenda tal-Liġi dwar il-logħob tal-ażżard li saret fl-2012, li tipprojbixxi l-operat ta' slot machines fis-swali tal-logħob (fejn tippermettihom biss f'każinò):

1. Leġiżlazzjoni mhux diskriminatorja ta' Stat Membru li tipprojbixxi b'effett immedjat l-operat ta' slot machines fi swali ta' logħob, mingħajr ma tikkonċedi lill-operaturi ta' logħob tal-ażżard affettwati perijodu ta' tranżizzjoni jew ta' adattament u mingħajr ma toffrilhom kumpens xieraq, u li, fl-istess ħin, tistabbilixxi favur il-każinojiet monopolju ta' operat tal-islot machines, hija kompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE?

2. L-Artikolu 34 TFUE jista' jiġi interpretat fis-sens li għandu wkoll ikun determinanti u applikabbli fil-każ fejn l-Istat Membru jadotta leġiżlazzjoni mhux diskriminatorja li, minkejja li ma tipprojbixxix direttament l-importazzjoni ta' slot machines li ġejjin mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, tirrestrinġi jew tipprojbixxi l-użu jew l-operat effettiv tal-imsemmija magni fil-kuntest tal-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard, mingħajr ma tikkonċedi lill-operaturi ta' logħob tal-ażżard affettwati li jeżerċitaw din l-attività perijodu ta' tranżizzjoni jew ta' adattament jew kumpens?

3. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel u għat-tieni domanda, liema kriterji għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 36 TFUE, 52(1) TFUE u 61 TFUE, u tal-eżami tal-preżenza ta' raġunijiet imperattivi, meta tiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk ir-restrizzjoni kinitx neċessarja, xierqa u proporzjonata?

4. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel u/jew għat-tieni domandi, fid-dawl tal-Artikolu 6(3) TUE, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fl-evalwazzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti minn Stat Membru u l-għoti ta' perijodu ta' adattament? Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali – bħad-dritt għall-proprjetà u l-projbizzjoni li persuna tiġi pprivata mill-proprjetà tagħha mingħajr kumpens – fir-rigward tar-restrizzjoni inkwistjoni f'dan il-każ u, fl-affermattiv, b'liema mod?

5. F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel u/jew għat-tieni domanda, il-ġurisprudenza tas-sentenza Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93) tista' tiġi interpretata fis-sens li l-ksur tal-Artikolu 34 TFUE u/jew l-Artikolu 56 TFUE jista' jservi ta' bażi għal obbligu ta' kumpens tal-Istati Membri peress li dawn id-dispożizzjonijiet jirrikonoxxu, minħabba l-effett dirett tagħhom, dritt għall-individwi tal-Istati Membri?

6. Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, tista' tiġi interpretata fis-sens li tikkostitwixxi "ħtiġiet oħra" il-miżura nazzjonali li, billi tillimita l-operat tal-islot machines għall-każinojiet, tipprojbixxih fis-swali tal-logħob?

7. Fil-każ ta' risposta affermattiva għas-sitt domanda, individwi fi Stat Membru jistgħu jinvokaw kontra tiegħu, bħala nuqqas li jista' jiġġustifika obbligu ta' kumpens, il-ksur mill-imsemmi Stat Membru tal-Artikolu 8(1) u/jew tal-Artikolu 9 (1) tad-Direttiva 98/34? Abbażi ta' liema tipi ta' kriterji l-qorti nazzjonali għandha tevalwa jekk il-konvenut wettaqx ksur tal-gravità meħtieġa u għal liema tip ta' kumpens jagħti dritt dan il-ksur?

8. Il-prinċipu ta' dritt Komunitarju li jgħid li l-Istati Membri huma obbligati jikkumpensaw lil individwi għad-danni li jirriżultaw minn ksur tad-dritt Komunitarju imputabbli lilhom għandu japplika wkoll meta Stat Membru għandu s-sovranità fil-qasam affettwat mid-dispożizzjoni adottata? Id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali li jirriżultaw minn tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri jservu wkoll bħala linji gwida f'dan il-każ?

(1) Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Litwanja) fl-4 ta' Marzu 2014 – Jakutis u Kretingalės kooperatinė ŽŪB vs Nacionalinė mokėjimo agentūra prie Žemės ūkio ministerijos u Lietuvos valstybė**

**(Kawża C-103/14)**

(2014/C 142/34)

*Lingwa tal-kawża: il-Litwan*

**Qorti tar-rinviju**

Vilniaus apygardos administracinis teismas

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bronius Jakutis, Kretingalės kooperatinė ŽŪB

*Konvenuti:* Nacionalinė mokėjimo agentūra prie Žemės ūkio ministerijos, Lietuvos valstybė

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Lietuvos Respublikos Vyriausybė, Lietuvos Respublikos žemės ūkio ministerija

**Domandi preliminari**

1) Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-livell tal-pagamenti diretti, fl-Istati Membri l-ġodda tal-Unjoni u f'dawk li ma humiex Stati Membri ġodda, għall-finijiet tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 73/2009 (1), applikat flimkien mal-Artikoli 7 u 121 tal-imsemmi regolament:

   a) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 73/2009, applikat flimkien mal-Artikoli 10(1) u 121 tal-imsemmi regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-2012, il-livell ta' pagamenti diretti ta' iktar minn EUR 5 000 kien ta' 90 % fl-Istati Membri li ma humiex Stati Membri ġodda?

   b) Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, dan ifisser li, fl-2012, il-livell ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda ma laħaqx dak tal-Istati Membri li ma humiex Stati Membri ġodda, fid-dawl tal-kontenut u tal-għanijiet tal-Artikoli 10(1) u 121 tar-Regolament Nru 73/2009?

c) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1), *in fine*, tar-Regolament Nru 73/2009 ("filwaqt li jittieħed kont ta' kull tnaqqis applikat skont l-Artikolu 7(1)") u fid-dokument tax-xogħol tal-Kummissjoni DS/2011/14/REV 2, li jipprevedu li l-paragun tal-pagamenti diretti jsir fuq bażijiet differenti – il-livell tal-pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda jiġi evalwat mingħajr ma tiġi applikata l-modulazzjoni (90 %, skont l-Artikolu 121), filwaqt li dak fl-Istati Membri li ma humiex Stati Membri ġodda jiġi evalwat wara l-applikazzjoni tal-modulazzjoni [100 % – 10 %, skont l-Artikolu 7(1)(d)] –, imorru kontra l-Att ta' Adeżjoni u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, fosthom dawk ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' amministrazzjoni tajba, ta' kompetizzjoni leali u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll kontra l-għanijiet tal-politika agrikola komuni stipulati fl-Artikolu 39 TFUE?

2) Fir-rigward tal-ksur tal-Att ta' Adeżjoni u ta' ċerti prinċipji tad-dritt tal-Unjoni bl-Artikolu 10(1) u bl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 132(2), *in fine*, tar-Regolament Nru 73/2009, kif ukoll bl-atti tad-dritt tal-Unjoni adottati abbażi tagħhom:

a) L-Artikolu 10(1), *in fine*, tar-Regolament Nru 73/2009 ("filwaqt li jittieħed kont ta' kull tnaqqis applikat skont l-Artikolu 7(1)") u l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 132(2), *in fine*, tal-imsemmi regolament, ("b'kont meħud, mill-2012, tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 flimkien mal-Artikolu 10"), kif ukoll id-dokument tax-xogħol tal-Kummissjoni DS/2011/14/REV 2 u d-deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2012)4391 finali, adottati fuq il-bażi tagħhom, imorru kontra l-Att ta' Adeżjoni, li la jipprevedi modulazzjoni tal-pagamenti diretti, la t-tnaqqis tal-pagamenti diretti nazzjonali komplementari fl-Istati Membri l-ġodda, u lanqas sena li minnha l-pagamenti diretti jiġu preżunti bħala li saru indaqs fl-Istati Membri l-ġodda u f'dawk li ma humiex Stati Membri ġodda?

b) L-Artikolu 10(1) u l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 132(2) tar-Regolament Nru 73/2009 kif ukoll id-dokument tax-xogħol tal-Kummissjoni DS/2011/14/REV 2 u d-deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2012)4391 finali, sa fejn, skont il-kliem tagħhom u skont l-għanijiet tagħhom, il-modulazzjoni tal-pagamenti diretti u t-tnaqqis tal-pagamenti diretti nazzjonali komplementari huma applikati fl-2012 fl-Istati Membri l-ġodda, li jirċievu għajnuna diretta nettament iżgħar minn dik li jibbenefikaw minnha l-Istati Membri li ma humiex Stati Membri ġodda, imorru kontra l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, fosthom dawk ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' kompetizzjoni leali u ta' nondiskriminazzjoni, kif ukoll kontra l-għanijiet tal-politika agrikola komuni stipulati fl-Artikolu 39 TFUE, b'mod partikolari dak li tiżdied il-produttività tal-bidwi?

c) L-emenda tal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 132(2) tar-Regolament Nru 73/2009 ("b'kont meħud, mill-2012, tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 flimkien mal-Artikolu 10") li seħħet b'rettifika (ĠU 2010, L 43, p. 7) (li permezz tagħha ma twettqitx korrezzjoni ta' natura teknika, iżda bdil tal-kontenut tad-dispożizzjoni fuq il-mertu – huwa preżunt li, fl-2012, il-pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda kienu daqs dawk fl-Istati Membri li ma humiex Stati Membri ġodda), imorru kontra l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, fosthom dawk ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba, ta' kompetizzjoni leali u ta' nondiskriminazzjoni?

d) It-tifsira tal-kelma "dydis" [livell] użata fl-Artikolu 1ċ imsemmi fil-punt 27(b) tal-Kapitolu 6, intitolat "Agrikoltura", A, tal-Anness II tal-Att ta' Adeżjoni hija l-istess bħal dik tal-kelma "lygis" ["livell"] użata fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 132(2) tar-Regolament Nru 73/2009?

3) Id-deċiżjoni ta' implementazzjoni u d-dokument tax-xogħol tal-Kummissjoni DS/2011/14/REV 2, li ma ġewx ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u ma humiex immotivati (dawn ġew adottati biss abbażi tal-preżunzjoni li, fl-2012, il-livell ta' pagamenti diretti fl-Istati Membri l-ġodda kien indaqs għal dak fl-Istati Membri li ma humiex Stati Membri ġodda), imorru kontra l-Att ta' Adeżjoni u l-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, fosthom dawk ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' amministrazzjoni tajba? Jekk iva, l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kummissjoni għandu jiġi annullat minħabba ksur tar-Regolament Nru 73/2009 u tal-Att ta' Adeżjoni?

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fis-6 ta' Marzu 2014 – FCD – Fédération des entreprises du commerce et de la distribution, FMB – Fédération des magasins de bricolage et de l'aménagement de la maison vs Ministre de l'écologie, du développement durable et de l'énergie**

**(Kawża C-106/14)**

(2014/C 142/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* FCD – Fédération des entreprises du commerce et de la distribution, FMB – Fédération des magasins de bricolage et de l'aménagement de la maison

*Konvenut:* Ministre de l'écologie, du développement durable et de l'énergie

**Domanda preliminari**

L-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 7(2) u mill-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1907/2006 (Reach) ([1]) huma applikabbli, meta "oġġett" fis-sens ta' dan ir-regolament ikun kompost minn diversi elementi li jissodisfaw huma stess id-definizzjoni tal-"oġġett" li huwa jipprovdi, biss fir-rigward tal-oġġett immontat jew fir-rigward ta' kull wieħed mill-elementi li jissodisfaw id-definizzjoni tal-"oġġett"?

([1]) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Bulgarija) fis-7 ta' Marzu 2014 – "GST-Sarviz AG Germania" vs Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Plovdiv pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite**

**(Kawża C-111/14)**

(2014/C 142/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Varhoven administrativen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* "GST-Sarviz AG Germania"

*Konvenut:* Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Plovdiv pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE ([1]) għandha tiġi interpretata fis-sens li l-VAT hija dovuta darba biss mill-persuna taxxabbli li twettaq provvista taxxabbli ta' oġġetti jew ta' servizzi, jew mill-persuna li lilha ssir il-provvista ta' oġġetti jew ta' servizzi, iżda mhux mit-tnejn li huma fl-istess ħin, meta l-provvista taxxabbli ta' oġġetti jew ta' servizzi titwettaq minn persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilita fl-Istat Membru fejn tkun dovuta l-VAT, u meta dan ikun previst mill-Istat Membru kkonċernat?

2) Fil-każ li jitqies li l-VAT hija dovuta biss minn persuna waħda minn dawn iż-żewġ persuni – jiġifieri jew mill-fornitur jew mid-destinatarju – meta dan ikun previst mill-Istat Membru kkonċernat, ir-regola li tinsab fl-Artikolu 194 tad-Direttiva għandha tiġi osservata wkoll fil-każijiet fejn id-destinatarju tal-provvista jkun applika b'mod żbaljat il-mekkaniżmu ta' awtolikwidazzjoni minħabba li jkun ikkunsidra li l-fornitur ma kellux stabbiliment fiss għall-finijiet tal-VAT fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, meta fil-fatt il-fornitur kien waqqaf stabbiliment fiss għall-finijiet tas-servizzi pprovduti?

3) Il-prinċipju ta' newtralità fiskali, bħala prinċipju fundamentali għall-implementazzjoni u għall-funzjonament tas-sistema komuni tal-VAT, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti prassi ta' kontroll fiskali, bħal dak f'din il-kawża, fejn, minkejja l-proċedura ta' awtolikwidazzjoni segwita mill-benefiċjarju tas-servizzi, il-VAT reġgħet ittieħdet inkunsiderazzjoni – din id-darba bħala oneru fuq il-fornitur – fid-dawl tal-fatt li l-benefiċjarju kien diġà kkalkola t-taxxa li tikkorrispondi għall-provvista, fid-dawl tal-fatt li huwa eskluż kull riskju ta' telf ta' dħul fiskali u fid-dawl tal-fatt li ma tapplikax il-leġiżlazzjoni prevista fid-dritt nazzjonali għar-rettifika tad-dokumenti fiskali?

4) Il-prinċipju ta' newtralità fiskali għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, fuq il-bażi ta' dispożizzjoni nazzjonali, l-awtorità tat-taxxa tirrifjuta lill-fornitur ta' servizz – servizz li fir-rigward tiegħu l-benefiċjarju kkalkola t-taxxa skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 82 taz-ZDDS – ir-rimbors tal-VAT meħuda inkunsiderazzjoni darbtejn, u dan minkejja li l-awtorità tat-taxxa rrifjutat li tirrimborsa l-VAT meħuda inkunsiderazzjoni darbtejn lill-benefiċjarju minħabba li huwa ma għandux id-dokument fiskali korrispondenti u minkejja li l-leġiżlazzjoni dwar ir-rettifika fil-liġi nazzjonali ma għadhiex applikabbli minħabba li hemm deċiżjoni ta' aġġustament fiskali valida?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Marzu 2014 – Faci vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-46/10)** ([1])

***(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew ta’ stabilizzaturi termiċi ESBO/esteri — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE — Iffissar tal-prezzijiet, tqassim tas-swieq kif ukoll ta’ klijenti u l-iskambju ta’ informazzjoni kummerċjali sensittiva — Prova ta’ aspett wieħed tal-ksur — Multi — Ugwaljanza fit-trattament — Amministrazzjoni tajba — Terminu raġonevoli — Proporzjonalità”)***

(2014/C 142/37)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Faci SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: S. Piccardo, avukat, S. Crosby, solicitor, u S. Santoro, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn K. Mojzesowicz, F. Ronkes Agerbeek u J. Bourke, sussegwentement minn F. Ronkes Agerbeek, J. Bourke u F. Castilla Contreras u fl-aħħar minn F. Ronkes Agerbeek, F. Castilla Contreras u R. Sauer, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 8682 finali, tal-11 ta’ Novembru 2009, dwar proċediment skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38589 – Stabbilizzaturi tas-sħana), jew, sussidjarjament, talba għal annullament tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti jew għat-tnaqqis tal-ammont tagħha.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Faci SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 100, 17.04.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta’ Marzu 2014 – Reagens vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-181/10)** ([1])

***[“Aċċess għad-dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar it-talbiet ta’ teħid inkunsiderazzjoni ta’ assenza ta’ kapaċità kontributtiva ta’ ċerti impriżi fil-kuntest ta’ proċedura fil-qasam tal-akkordji — Rifjut ta’ aċċess — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta’ terz — Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta’ spezzjoni, ta’ investigazzjoni u ta’ verifika — Interess pubbliku superjuri — Obbligu li jitwettaq eżami konkret u individwali — Aċċess parzjali”]***

(2014/C 142/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Reagens SpA (San Giorgio di Piano, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment minn B. O’Connor, solicitor, L. Toffoletti, E. De Giorgi u D. Gullo, avukati, sussegwentement minn B. O’Connor, L. Toffoletti u E. De Giorgi)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn P. Costa de Oliveira u J. Bourke, sussegwentement minn P. Costa de Oliveira u F. Ronkes Agerbeek, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Gestdem 2009/5145, tat-23 ta' Frar 2010, li tirrifjuta lir-rikorrenti l-aċċess għal ċerti dokumenti fil-fajl tal-proċedura COMP/38589 – Stabilizzanti termiċi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

### Dispożittiv

1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Gestdem 2009/5145, tat-23 ta' Frar 2010, li tirrifjuta lil Reagens SpA l-aċċess għal ċerti dokumenti fil-fajl tal-proċedura COMP/38589 – Stabilizzanti termiċi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, hija annullata sa fejn hija rrifjutat l-aċċess għall-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tat-talbiet tal-impriżi u għall-ewwel kwestjonarju tal-Kummissjoni Ewropea.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Reagens SpA hija kkundannata tbati nofs l-ispejjeż tagħha u nofs l-ispejjeż tal-Kummissjoni.*

4) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati nofs l-ispejjeż tagħha u nofs l-ispejjeż ta' Reagens.*

---

([1]) ĠU C 179, 3.7.2010.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2014 – Yusef vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-306/10)** ([1])

***"Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra persuni u entitajiet marbuta ma' Usama Bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban — Regolament (KE) Nru 881/2002 — Iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi ta' persuna wara l-inklużjoni tagħha f'lista stabbilita minn korp tan-Nazzjonijiet Uniti — Kumitat tas-sanzjonijiet — Inklużjoni sussegwenti fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 — Rifjut tal-Kummissjoni li tħassar din l-inklużjoni — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Drittijiet fundamentali — Dritt għal smigħ, dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv u dritt għar-rispett tal-proprjetà"***

(2014/C 142/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Hani El Sayyed Elsebai Yusef (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment E. Grieves, barrister, u H. Miller, solicitor, sussegwentement E. Grieves, H. Miller, P. Moser, QC, u R. Graham, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Paasivirta, M. Konstantinidis u T. Scharf, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-parti konvenuta:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment E. Finnegan u R. Szostak, sussegwentement E. Finnegan, aġenti)

**Suġġett**

Talba biex jiġi kkonstatat, skont l-Artikolu 265 TFUE, li l-Kummissjoni illegalment naqset milli tipproċedi bl-irtirar tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1629/2005, tal-5 ta' Ottubru 2005, li jemenda għall-54 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 (ĠU L 348M, p. 275) sa fejn dan l-att jikkonċerna lir-rikorrent

**Dispożittiv**

1) *Il-Kummissjoni Ewropea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-Trattat FUE u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001, billi naqset milli tirrimedja għad-difetti proċedurali u għall-irregolaritajiet dwar il-mertu li vvizzjaw l-iffriżar tal-fondi ta' Hani El Sayyed Elsebai Yusef.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, l-ispejjeż sostnuti minn H. Yusef, kif ukoll is-somom mħallsa mill-kaxxa tal-Qorti Ġenerali abbażi tal-għajnuna legali.*

4) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(1) ĠU C 260, 25.09.2010

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2014 – Deutsche Bank vs UASI (Leistung aus Leidenschaft)**

**(Kawża T-539/11)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Leistung aus Leidenschaft — Trade mark li hija kkostitwita minn slogan ta' reklamar — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament — Obbligu ta' motivazzjoni — Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali")***

(2014/C 142/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Deutsche Bank AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Lange, T. Götting u G. Hild, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Awwissu 2011 (Każ R 188/2011-4), li tirrigwarda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Leistung aus Leidenschaft bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Deutsche Bank AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 13, 14.1.2012.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2014 – Deutsche Bank vs UASI (Passion to Perform)**

**(Kawża T-291/12)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Unjoni Ewropea — Trade mark verbali Passion to Perform — Trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament”]***

(2014/C 142/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Deutsche Bank AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Lange, T. Götting u G. Hild, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: I. Harrington, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-24 ta' April 2012 (Każ R 2233/2011-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Passion to Perform bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Deutsche Bank AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 273, 8.9.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Marzu 2014 – Still vs UASI (Fleet Data Services)**

**(Kawżi magħquda T-534/12 u T-535/12)** ([1])

***(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjonijiet għat-trade marks Komunitarji figurattivi Fleet Data Services u Truck Data Services — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt għal smigħ — It-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009”)***

(2014/C 142/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Still GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Waller, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

**Suġġett**

Żewġ rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' Settembru 2012 (Każ R 130/2012-1 u Każ R 4/2012-1), dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni, minn naħa, tas-sinjal figurattiv Fleet Data Services u, min-naħa l-oħra, tas-sinjal figurattiv Truck Data Services bħala trade marks Komunitarji.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

2) *Still GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 32, 02.02.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2014 – FTI Touristik vs UASI (BigXtra)**

**(Kawża T-81/13)** (1)

***[“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali BigXtra — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2014/C 142/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* FTI Touristik GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Parr, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Novembru 2012 (Każ R 2521/2011-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrzzjoni tas-sinjal verbali BigXtra bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *FTI Touristik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 108, 13.04.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2013 – Chrysamed Vertrieb vs UASI – Chrysal International (Chrysamed)**

**(Kawża T-46/12)** (1)

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2014/C 142/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Chrysamed Vertrieb GmbH (Salzbourg, l-Awstrija) (rappreżentanti: inizjalment minn T. Schneider, sussegwentement minn M. Koch u finalment minn I. Rungg, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Chrysal International BV (Naarden, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: A. Killan, M. Marell u M. Senftleben, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-22 ta' Novembru 2011 (Każ R 64/2011-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Chrysal International BV u Chrysamed Vertrieb GmbH.

**Dispożittiv**

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Chrysamed Vertrieb GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 98, 31.03.2012.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Frar 2014 – Imax vs UASI – Himax Technologies (IMAX)**

**(Kawża T-198/13)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2014/C 142/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Imax Corporation (Mississauga, il-Kanada) (rappreżentanti: V. von Bomhard, avukat, u K. Hughes, solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Himax Technologies, Inc. (Hsinhua, it-Tajwan)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Jannar 2013 (Każ R 740/2012-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Himax Technologies, Inc. u Imax Corporation.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha.*

(1) ĠU C 171, 15.6.13.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2014 – BR IP Holder vs UASI – Greyleg Investments (HOKEY POKEY)**

**(Kawża T-62/14)**

(2014/C 142/46)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* BR IP Holder LLC (Canton, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: F. Traub, avukat, u C. Rohsler, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell:* Greyleg Investments Ltd (Baltonsborough, ir-Renju Unit)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-22 ta' Novembru 2013, mogħtija fil-Każ R 1091/2012-4;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "HOKEY POKEY" għal "ħelu" fil-klassi 30 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 275 678

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark preċedenti mhux irreġistrata "HOKEY POKEY" li l-użu tagħha huwa invokat fir-Renju Unit għal "ħelu, jiġifieri ġelat"

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament fuq it-trade mark Komunitarja.

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2014 – Société Générale vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-98/14)

(2014/C 142/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Société générale SA (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Zelenko, J. Marthan u D. Kupka, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla l-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru C (2013) 8512 finali, tal-4 ta' Diċembru 2013, fil-Każ EIRD sa fejn din timponi multa fuq Société Générale;

— tnaqqas l-ammont tal-multa imposta, permezz ta' din id-deċiżjoni, lil Société Générale għal ammont xieraq;

— tikkundanna, fi kwalunkwe każ, lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni fid-determinazzjoni tal-metodu ta' kalkolu tal-valuri ta' bejgħ, sa fejn il-valuri kkunsidrati fid-deċiżjoni kkontestata abbażi ta' dan il-metodu ma jirriflettux il-pożizzjonijiet rispettivi tal-banek akkużati bil-ksur, fis-suq ikkonċernat, matul il-perijodu ta' ksur (l-ewwel parti). Ir-rikorrenti ssostni li b'hekk, il-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha ta' diliġenza (it-tieni parti) u kisret il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament (it-tielet parti) u ta' aspettattivi leġittimi (ir-raba' parti).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta’ motivazzjoni fir-rigward tal-għażla tal-metodu li l-Kummissjoni applikat sabiex tikkalkula l-valur tal-bejgħ tal-banek akkużati.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-Qorti Ġenerali għandha teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tnaqqas il-multa tar-rikorrenti għal ammont xieraq li jirrifletti l-pożizzjonijiet rispettivi tal-banek akkużati fis-suq ikkonċernat.

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta’ Frar 2014 – Universal Utility International vs UASI (Greenworld)**

**(Kawża T-106/14)**

(2014/C 142/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Universal Utility International GmbH & Co.KG (Kaarst, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Mietzel, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-13 ta’ Diċembru 2013, mogħtija fil-Każ R 1658/2013-4;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din ikkonfermat ir-rifjut ta’ reġistrazzjoni tat-trade mark ikkonċernata għas-servizzi fil-klassijiet 35 u 39;

— iktar sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din ikkonfermat ir-rifjut ta’ reġistrazzjoni tat-trade mark ikkonċernata għas-servizzi fil-klassi 35;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti matul il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali Greenworld għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 4, 35 u 39 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 616 588

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* reġistrazzjoni rrifjutata

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament Nru 40/94

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta’ Frar 2014 – Burazer *et* vs L-Unjoni Ewropea**

**(Kawża T-108/14)**

(2014/C 142/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Kroat*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Drago Burazer (Zagreb, il-Kroazja), Nikolina Nežić (Zagreb), Blaženka Bošnjak (Sv. Ivan Zelina, il-Kroazja), Bosiljka Grbašić (Križevci, il-Kroazja), Tea Tončić (Pula, il-Kroazja), Milica Bijelić (Dubrovnik, il-Kroazja), Marijana Kruhoberec (Varaždin, il-Kroazja) (rappreżentant: Mato Krmek, avukat)

*Konvenuta:* L-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tikkonstata, permezz ta' sentenza, li l-Unjoni Ewropea hija obbligata tikkumpensa d-danni kkawżati lir-rikorrenti minħabba l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ma wettqitx l-obbligu tagħha li twettaq superviżjoni tal-implementazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni (punt 1 tal-Anness VII) għal dak li jirrigwarda l-introduzzjoni, fl-ordinament ġuridiku Kroat, tal-professjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni.

— tissospendi d-deliberazzjonijiet fuq l-ammont li għandu jitħallas sal-mument meta din is-sentenza ssir *res judicata*,

— tirriżerva d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni (punt 1 tal-Anness VII) meta ma opponietx it-tħassir tal-Atti li jistabbilixxu u jorganizzaw il-professjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni li kienu ġew adottati mill-Kroazja matul in-negozjati ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, li jiffurmaw parti integrali mit-Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [Narodne novine – Međunarodni ugovori n° 2/12 Ġurnal Uffiċjali – Trattati internazzjonali)]). L-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni jgħaddi fuq il-Kummissjoni r-responsabbiltà ta' superviżjoni (monitoring) tal-impenji kollha meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea u, b'hekk, l-impenji legali meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja li tistabbilixxi l-professjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni u li toħloq il-kundizzjonijiet kollha neċessarji għall-implementazzjoni sħiħa ta' din il-professjoni fl-ordinament ġuridiku Kroat qabel l-1 ta' Jannar 2012. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex is-setgħa li tagħti l-kunsens tagħha għal modifiki unilaterali tal-impenn b'hekk meħud mill-Kroazja.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li, minħabba dan il-ksur indikat, il-Kummissjoni Ewropea kkawżat dannu dirett lir-rikorrenti, li kienu nħatru sabiex jokkupaw il-karigi ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni u li kienu leġittimament qed jistennew li jidħlu fil-kariga mill-1 ta' Jannar 2012.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li, peress li naqset mill-obbligi tagħha, il-Kummissjoni manifestament u gravement eċċediet il-limiti ta' setgħa diskrezzjonali li tiddisponi minnha, u b'hekk ikkawżat lir-rikorrenti (l-uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni maħtura), f'kontradizzjoni mal-aspetattivi leġittimi ta' dawn, danni materjali u morali kunsiderevoli li l-Unjoni Ewropea hija obbligata li tikkumpensa b'mod konformi mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – Škugor *et* vs L-Unjoni Ewropea**

**(Kawża T-109/14)**

(2014/C 142/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Kroat*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Davor Škugor (Sisak, il-Kroazja), Ivan Gerometa (Vrsar, il-Kroazja), Kristina Samardžić (Split, il-Kroazja), Sandra Cindrić (Karlovac, il-Kroazja), Sunčica Gložinić (Varaždin, il-Kroazja), Tomislav Polić (Kaštel Novi, il-Kroazja), Vlatka Pižeta (Varaždin) (rappreżentant: Mato Krmek, avukat)

*Konvenuta:* L-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

— tikkonstata, permezz ta' sentenza, li l-Unjoni Ewropea hija obbligata tikkumpensa d-danni kkawżati lir-rikorrenti minħabba l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ma wettqitx l-obbligu tagħha li twettaq superviżjoni tal-implementazzjoni tat-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni (punt 1 tal-Anness VII) għal dak li jirrigwarda l-introduzzjoni, fl-ordinament ġuridiku Kroat, tal-professjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni.

— tissospendi d-deliberazzjonijiet fuq l-ammont li għandu jitħallas sal-mument meta din is-sentenza ssir *res judicata*,

— tirriżerva d-deċiżjoni fuq l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni (punt 1 tal-Anness VII) meta ma opponietx it-tħassir tal-Atti li jistabbilixxu u jorganizzaw il-professjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni li kienu ġew adottati mill-Kroazja matul in-negozjati ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, li jiffurmaw parti integrali mit-Trattat ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea [Narodne novine – Međunarodni ugovori n° 2/12 Ġurnal Uffiċjali – Trattati internazzjonali)]). L-Artikolu 36 tal-Att ta' Adeżjoni jgħaddi fuq il-Kummissjoni r-responsabbiltà ta' superviżjoni (monitoring) tal-impenji kollha meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea u, b'hekk, l-impenji legali meħudin mir-Repubblika tal-Kroazja li tistabbilixxi l-professjoni ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni u li toħloq il-kundizzjonijiet kollha neċessarji għall-implementazzjoni sħiħa ta' din il-professjoni fl-ordinament ġuridiku Kroat qabel l-1 ta' Jannar 2012. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea ma għandhiex is-setgħa li tagħti l-kunsens tagħha għal modifiki unilaterali tal-impenn b'hekk meħud mill-Kroazja.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li, minħabba dan il-ksur indikat, il-Kummissjoni Ewropea kkawżat dannu dirett lir-rikorrenti, li kienu nħatru sabiex jokkupaw il-karigi ta' uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni u li kienu leġittimament qed jistennew li jidħlu fil-kariga mill-1 ta' Jannar 2012.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li, peress li naqset mill-obbligi tagħha, il-Kummissjoni manifestament u gravement eċċediet il-limiti ta' setgħa diskrezzjonali li tiddisponi minnha, u b'hekk ikkawżat lir-rikorrenti (l-uffiċjali pubbliċi ta' eżekuzzjoni maħtura), f'kontradizzjoni mal-aspetattivi leġittimi ta' dawn, danni materjali u morali kunsiderevoli li l-Unjoni Ewropea hija obbligata li tikkumpensa b'mod konformi mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2014 – Ir-Repubblika tal-Finlandja vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-124/14)**

(2014/C 142/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: J. Heliskoski, S. Hartikainen, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2013) 8743 finali, tat-12 ta' Diċembru 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 338, p. 81), sa fejn qiegħed jintalab, f'dak li jikkonċerna r-Repubblika tal-Finlandja, rimbors ta' finanzjament ta' ammont ta' EUR 927 827,58, għan-nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 1974/2006;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mill-Finlandja.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed: hija tqis li l-Kummissjoni interpretat u applikat l-Artikolu 55 tar-Regolament Nru 1974/2006 ([1]) b'mod żbaljat. Il-Kummissjoni, b'mod żbaljat qieset li l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Finlandja għall-għoti ta' għajnuna għax-xiri ta' tagħmir użat ma kinux konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament Nru 1974/2006.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006, tal-15 ta' Diċembru 2006, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 322M, p. 305).

---

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2014 – Gappol Marzena Porczyńska vs UASI – Gap (ITM) (GAPPol)

**(Kawża T-125/14)**

(2014/C 142/52)

*Lingwa tar-rikors: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PP Gappol Marzena Porczyńska (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: J. Gwiazdowska, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gap (ITM), Inc. (San Francisco, l-Istati Uniti)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-2 ta' Diċembru 2013 fil-Każ R 686/2013-1;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "GAPPol" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 20, 25 u 37 – applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8 346 165

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali Komunitarja "GAP"; it-trade marks figurattivi li jinkludu l-element verbali "GAP"; it-trade marks verbali nazzjonali "GAP" u t-trade marks figurattivi nazzjonali li jinkludu l-element verbali "GAP" għal prodotti fil-klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009

---

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-134/14)**

(2014/C 142/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze, J. Möller, u T. Lübbig, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla, skont l-Artikolu 264 TFUE, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Diċembru 2013, fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) – il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, C (2013) 4424 finali;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ([1]) u tal-Artikolu 108(2) TFUE

   Hawnhekk ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali mingħajr ma ssodisfat l-obbligu speċjali tagħha ta' diliġenza li tistabbilixxi l-fatti kompletament. Kieku l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet il-fatti bid-diliġenza meħtieġa, ma kienx ikun hemm raġuni sabiex tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-evalwazzjoni tal-fatti

   Fit-tieni motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni injorat il-fatti li huma l-bażi ta' dan il-każ, jiġifieri l-funzjonament tal-liġi dwar il-prijorità tas-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu, b'mod partikolari s-sistema tal-flussi finanzjarji prevista taħt din il-liġi. Minbarra dan, il-Kummissjoni ma rrikonoxxietx ir-rwol "tal-Istat" bħala leġiżlatur u bħala korp b'responsabbiltà għall-awtoritajiet ta' superviżjoni u ddeduċiet b'mod żbaljat minn dan sitwazzjoni ta' kontroll.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li ma ġewx ipprivileġġati utenti intensivi tal-enerġija permezz ta' skema speċjali ta' kumpens

   Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat l-Artikolu 107(1) TFUE billi aċċettat, bi ksur tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, li l-impriżi b'konsum għoli ta' enerġija huma ppriviléġġati.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li ngħatax vantaġġ permezz ta' riżorsi tal-Istat

   Hawnhekk ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wkoll wettqet żball ta' liġi billi applikat l-Artikolu 107(1) TFUE sa fejn aċċettat li awtoritajiet pubbliċi kellhom kontroll fuq l-assi ta' diversi kumpanniji privati li jipparteċipaw fl-iskema tal-liġi għall-prijorità tas-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq interpretazjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 30 u 110 TFUE

   Bil-ħames motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proċedura amministrattiva regolari u l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi meta rrevediet il-liġi għall-prijorità tas-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu skont l-Artikoli 30 u 110 TFUE, minkejja li ilha taf bil-metodu li bih din il-liġi tiffunzjona għal iktar minn għaxar snin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiżbalja wkoll fil-liġi billi tapplika l-Artikoli 30 u 110 TFUE għaliex la teżisti tassazzjoni fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet u lanqas sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, p. 1).

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – SolarWorld *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-141/14)**

(2014/C 142/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SolarWorld AG (Bonn, il-Ġermanja); Brandoni solare SpA (Castelfidardo, l-Italja); u Solaria Energia y Medio Ambiente, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, Solicitor)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla l-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 1238/2013 ([1]);

— tgħaqqad din il-kawża mal-Kawża T-507/13; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 3 tar-regolament ikkontestat jirrifletti żball manifest ta' evalwazzjoni, u jikser l-Artikolu 8 tar-Regolament Bażiku ta' Antidumping ([2]), sa fejn jeżenta mill-miżuri l-produtturi Ċiniżi li minnhom il-Kummissjoni aċċettat impriża konġunta bi ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, id-drittijiet tar-rikorrenti tad-difiża, u l-Artikoli 8(4) u 19(2) tar-Regolament Bażiku ta' Antidumping.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 3 tar-regolament ikkontestat jirrifletti żball manifest ta' evalwazzjoni, u jikser l-Artikolu 8 tar-Regolament Bażiku ta' Antidumping, sa fejn jeżenta mill-miżuri l-produtturi Ċiniżi li minnhom il-Kummissjoni aċċettat impriża konġunta illegali.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 3 tar-regolament ikkontestat jikser l-Artikolu 101(1) TFUE sa fejn jagħti lil ċerti produtturi Ċiniżi eżenzjoni mill-miżuri inkwistjoni fuq il-bażi ta' offerta ta' impriża, aċċettata u kkonfermata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE ([3]) u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE ([4]), li hija arranġament tal-iffissar tal-prezzijiet orizzontali.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013, tat-2 ta' Diċembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, p. 1)

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51)

([3]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/707/UE, tal- 4 ta' Diċembru 2013, li tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' impenn offrut b'rabta mal-proċedimenti ta' anti-dumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri definittivi (ĠU L 325, p. 214).

([4]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE, tat-2 ta' Awwissu 2013, li taċċetta impenn offrut b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 209, p. 26).

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – SolarWorld *et* vs Il-Kunsill

**(Kawża T-142/14)**

(2014/C 142/55)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SolarWorld AG (Bonn, il-Ġermanja); Brandoni solare SpA (Castelfidardo, l-Italja); u Solaria Energia y Medio Ambiente, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, Solicitor)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara r-rikors bħala ammissibbli u fondat;

— tannulla l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 ([1]);

— tgħaqqad din il-kawża mal-Kawża T-507/13; u

— tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L–ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 2 tar-Regolament ikkontestat jirrifletti żball manifest ta' evalwazzjoni, u jikser l-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku kontra s-sussidji ([2]) sa fejn dan jeżenta mill-miżuri lil produtturi Ċiniżi li l-Kummissjoni aċċettat impenn konġunt mingħandhom bi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u tal-Artikoli 13(4) u 29(2) tar-Regolament Bażiku kontra s-sussidji.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 2 tar-Regolament ikkontestat jirrifletti żball manifest ta' evalwazzjoni, u jikser l-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku kontra s-sussidji, sa fejn dan jeżenta mill-miżuri lil produtturi Ċiniżi li l-Kummissjoni aċċettat impenn konġunt illegali mingħandhom.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Artikolu 3 tar-Regolament ikkontestat jikser l-Artikolu 101(1) TFUE sa fejn jagħti lil ċerti produtturi Ċiniżi eżenzjoni mill-miżuri inkwistjoni abbażi ta' offerta ta' impenn, aċċettata u kkonfermata mid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2013/707/UE ([3]) u mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE ([4]), li hija arranġament orizzontali ta' ffissar tal-prezzijiet.

([1]) Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013, tat-2 ta' Diċembru 2013, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, p. 66)

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, tal-11 ta' Ġunju 2009, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 188, p. 93)

([3]) Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2013/707/UE, tal-4 ta' Diċembru 2013, li tikkonferma l-aċċettazzjoni ta' impenn offrut b'rabta mal-proċedimenti ta' anti-dumping u antisussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri definittivi (ĠU L 325, p. 214)

([4]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/423/UE, tat-2 ta' Awwissu 2013, li taċċetta impenn offrut b'rabta mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi bis-silikon kristallin u l-komponenti ewlenin (jiġifieri ċ-ċelloli u l-wejfers) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 209, p. 26)

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2014 – Yingli Energy (China) *et* vs Il-Kunsill

## (Kawża T-160/14)

(2014/C 142/56)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Yingli Energy (China) Co. Ltd (Baoding, iċ-Ċina); Baoding Tianwei Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Baoding); Hainan Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Haikou, iċ-Ċina); Hengshui Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Hengshui, iċ-Ċina); Tianjin Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Tianjin, iċ-Ċina); Lixian Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Baoding); Baoding Jiasheng Photovoltaic Technology Co. Ltd (Baoding); Beijing Tianneng Yingli New Energy Resources Technology Co. Ltd (Pekin, iċ-Ċina); Yingli Energy (Beijing) Co. Ltd (Pekin); Yingli Green Energy Europe (Düsseldorf, il-Ġermanja); Yingli Green Energy South East Europe GmbH (Grünwald, il-Ġermanja); Yingli Green Energy France SAS (Lyon, Franza); Yingli Green Energy Spain, SL (La Moraleja, Spanja); Yingli Green Energy Italia Srl (Ruma, l-Italja); u Yingli Green Energy International AG (Kloten, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Willems, S. De Knop u J. Charles, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tal-partijiet**

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tannulla r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013, tat-2 ta’ Diċembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325 , p. 1.), sa fejn dan japplika għar-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw seba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li billi imponew miżuri antidumping fuq moduli kristallini tas-silikon fotovoltajċi u komponenti ewlenin ikkunsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina fil-waqt li l-Avviż tal-bidu jsemmi biss moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-istituzzjonijiet kisru l-Artikoli 5(10) u 5(11) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([1]).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li billi imponew miżuri antidumping fuq moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin li ma kinux suġġetti għal investigazzjoni antidumping, l-istituzzjonijiet kisru l-Artikoli 1 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq li billi applikaw metodoloġija ta’ ekonomija mhux tas-suq għall-kalkolu tal-marġni tad-dumping ta’ prodotti minn pajjiżi b’ekonomija tas-suq, l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009.

4. Ir-raba’ motiv ibbażat fuq li billi għamlu investigazzjoni waħda għal żewġ prodotti distinti (jiġifieri, moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli), l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq li billi għamlu d-determinazzjoni tal-ekonomija tas-suq tar-rikorrenti iktar minn tliet xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni u wara li jkunu rċevew l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jikkalkulaw il-marġni tad-dumping, l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq li billi ma kkwantifikawx b’mod separat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kkawżat kemm mill-importazzjonijiet iddampjati u minn fatturi oħra magħrufa u, bħala konsegwenza, imponew rata ta’ dazju iktar minn dak li huwa meħtieġ sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet iddampjati lill-industrija tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet kisru l-Artikoli 3 u 9(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009.

7. Is-seba’ motiv ibbażat fuq li billi ma żvelawx il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom l-istituzzjonijiet kellhom l-intenzjoni li jimponu miżuri definittivi antidumping, l-istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta’ Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51).

## Rikors ippreżentat fit-28 ta’ Frar 2014 – Yingli Energy (iċ-Ċina) *et* vs Il-Kunsill

## (Kawża T-161/14)

(2014/C 142/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Yingli Energy (iċ-Ċina) Co. Ltd (Baoding, iċ-Ċina); Baoding Tianwei Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Baoding); Hainan Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Haikou, iċ-Ċina); Hengshui Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Hengshui, iċ-Ċina); Tianjin Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Tianjin, iċ-Ċina); Lixian Yingli New Energy Resources Co. Ltd (Baoding); Baoding Jiasheng Photovoltaic Technology Co. Ltd (Baoding); Beijing Tianneng Yingli New Energy Resources Technology Co. Ltd (Beijing, iċ-Ċina); Yingli Energy (Beijing) Co. Ltd (Beijing); Yingli Green Energy Europe (Düsseldorf, il-Ġermanja); Yingli Green Energy South East Europe GmbH (Grünwald, il-Ġermanja); Yingli Green Energy France SAS (Lyon, Franza); Yingli Green Energy Spain, SL (La Moraleja, Spanja); Yingli Green Energy Italia Srl (Ruma, l-Italja); u Yingli Green Energy International AG (Kloten, l-Isvizzera) (rappreżentanti: A. Willems, S. De Knop u J. Charles, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tannulla r-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013, tat-2 ta' Diċembru 2013, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, p. 66), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi imponew miżuri kumpensatorji fuq moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin ikkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina filwaqt li n-Notifika ta' bidu semmiet biss moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Istituzzjonijiet kisru l-Artikoli 10(12) u 10(13) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 ([1]).

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi imponew miżuri kumpensatorji fuq moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin li ma kinux suġġetti għal investigazzjoni antisussidji, l-Istituzzjonijiet kisru l-Artikoli 1 u 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li billi wettqu investigazzjoni waħda għal żewġ prodotti differenti (jiġifieri, moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelluli), l-Istituzzjonijiet kisru l-Artikolu 2(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, tal-11 ta' Ġunju 2009, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 188, p. 93)

## Rikors ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2014 – PRS Mediterranean vs UASI – Reynolds Presto Products (NEOWEB)

**(Kawża T-166/14)**

(2014/C 142/58)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* PRS Mediterranean Ltd (Tel Aviv, l-Iżrael) (rappreżentanti: A. Späth u V. Töbelmann, aukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Reynolds Presto Products, Inc. (Richmond, l-Istati Uniti)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-28 ta' Novembru 2013 mogħtija fil-Każijiet magħquda R 889/2012-2 u R 635/2012-2;

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "NEOWEB" għal prodotti fil-klassi 19 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6 184 568

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* diversi trade marks nazzjonali tat-trade mark verbali "GEOWEB" għal prodotti fil-klassijiet 1, 17 u 19 u t-trade mark mhux irreġistrata "GEOWEB" użata fil-kummerċ fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 8(3), 8(4) u 8(5) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Stahlwerk Bous vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-172/14)**

(2014/C 142/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Stahlwerk Bous GmbH (Bous, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

   — Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Marzu 2014 – WeserWind vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-173/14)**

(2014/C 142/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* WeserWind GmbH Offshore Construction Georgsmarienhütte (Bremerhaven, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

   — F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b’mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta’ fatt u ta’ liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

   — F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F’dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta’ Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar ’il quddiem “EEG”) ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B’mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta’ Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta’ applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F’dan ir-rigward, hija ssostni, b’mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta’ natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta’ riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta’ preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

   — Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta’ Marzu 2014 – Dieckerhoff Guss vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-174/14)**

(2014/C 142/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Dieckerhoff Guss GmbH (Gevelsberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

   — Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Walter Hundhausen vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-175/14)**

(2014/C 142/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Walter Hundhausen GmbH (Schwerte, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

— Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Georgsmarienhütte vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-176/14)**

(2014/C 142/63)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Georgsmarienhütte GmbH (Georgsmarienhütte, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

— Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Harz Guss Zorge vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-177/14)**

(2014/C 142/64)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Harz Guss Zorge GmbH (Zorge, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka il-motivi li ġejjin.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

— Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Friedrich Wilhelms-Hütte Eisenguss vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-178/14)

(2014/C 142/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Friedrich Wilhelms-Hütte Eisenguss GmbH (Mülheim an der Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

— Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2014 – Schmiedewerke Gröditz vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-179/14)**

(2014/C 142/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Schmiedewerke Gröditz GmbH (Gröditz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

— F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra 2001, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

— Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

— Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014 – Schmiedag vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-183/14)**

(2014/C 142/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Schmiedag GmbH (Hagen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Höfler, C. Kahle u V. Winkler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE, ippubblikata bi stedina sabiex jitressqu kummenti (ĠU 2014, C 37, p. 73) fil-proċedura Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) – Il-Ġermanja, sostenn għal elettriku rinnovabbli u soprataxxa-EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

1. Ksur tal-forom proċedurali sostanzjali

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE. Id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ma tinkludi ebda evalwazzjoni speċifika u sostanzjali, ibbażata fuq punti ta' fatt u ta' liġi, fir-rigward tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet kollha għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

2. Ksur tat-Trattati

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura tikser l-Artikolu 107 (1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddikjarat preċedentement, fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, Ġabra, p. I-2099), li l-liġi Ġermaniża dwar il-prijorità għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Gesetz über den Vorrang erneuerbarer Energien, iktar 'il quddiem "EEG") ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-EEG baqgħet sostanzjalment l-istess. B'mod partikolari, l-elementi essenzjali għall-evalwazzjoni tal-leġittimità tal-għajnuna baqgħu l-istess. L-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-konvenuta tat-22 ta' Mejju 2002 (ĠU C 164, p. 5), li permezz tagħha hija kkonkludiet li l-EEG ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li t-tnaqqis tas-soprataxxa-EEG ma jissodisfax il-kriterji ta' applikazzjoni fil-qasam tal-għajnuna previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija ssostni, b'mod partikolari, li t-tnaqqis tas-soprataxxa EEG ma jikkostitwixxix vantaġġ li impriża ma tkunx ħadet taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, ma huwiex ta' natura selettiva, ma huwiex għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi statali u la jwassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni u lanqas għall-possibbiltà ta' preġudizzju għall-kummerċ bejn Stati Membri.

3. Kompatibbiltà mas-suq komuni

   — Fil-każ li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li tirriżulta għajnuna mill-Istat, tali għajnuna tkun, fil-fehma tar-rikorrenti, kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 107(3)(b) u (ċ) TFUE.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014 – Atlantic Multipower Germany vs UASI – Nutrichem Diät + Pharma (NOxtreme)**

**(Kawża T-186/14)**

(2014/C 142/68)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Atlantic Multipower Germany GmbH & Co. OHG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Berlit, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Nutrichem Diät + Pharma GmbH (Roth, il-Ġermanja)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-29 ta' Jannar 2014, fil-Każ R 764/2013-4;

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-12 ta' April 2013 (Każ Nru: 6333C)

— tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-kuntest tal-proċedimenti ta' appell.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "NOxtreme" għal prodotti fil-klassijiet 5, 29, 30 u 32 – Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 177 889

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Nutrichem Diät + Pharma GmbH

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* trade mark figurattiva nazzjonali u Komunitarja, li tinkludi l-element verbali "X-TREME", għal prodotti fil-klassijiet 5, 29 u 32

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:*

— Ksur tal-Artikolu 57(2) u (3) flimkien mal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Frar 2014 – Alfa-Beta Vassilopoulos vs UASI Henkel (AB terra Leaf)**

**(Kawża T-522/12)** ([1])

(2014/C 142/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 32, 2.2.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Frar 2014 – Jinko Solar *et* vs Il-Parlament *et***

**(Kawża T-142/13)** ([1])

(2014/C 142/70)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 123, 27.04.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2014 – Triarii vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-435/13)** ([1])

(2014/C 142/71)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 304, 19.10.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2014 – Fard u Sarkandi vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-439/13)** ([1])

(2014/C 142/72)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 367, 14.12.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Frar 2014 – Hermann Trollius vs ECHA**

**(Kawża T-466/13)** ([1])

(2014/C 142/73)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 325, 9.11.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2014 – Stichting Sona u Nao vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-505/13)** ([1])

(2014/C 142/74)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 344, 23.11.2013.

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-26 ta’ Marzu 2014 – CP vs Il-Parlament**

**(Kawża F-8/13)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjal — Kap ta’ unità — Perijodu ta’ prova — Nuqqas ta’ konferma fil-funzjonijiet ta’ kap ta’ diviżjoni — Assenjazzjoni mill-ġdid f’funzjoni mhux amministrattiva — Regoli interni tal-Parlament)***

(2014/C 142/75)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* CP (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament (rappreżentanti: O. Caisou-Rousseau u V. Montebello-Demogeot, aġenti

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ konferma tar-rikorrent fil-funzjonijiet tiegħu ta’ kap ta’ diviżjoni u tat-trasferiment tiegħu lejn id-Direttorat Ġenerali għall-politiki interni

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tat-23 ta’ Marzu 2012 li permezz tagħha l-Parlament Ewropew ma kkonfermax lil CP fil-funzjonijiet tiegħu ta’ kap ta’ diviżjoni u ttrasferixxieh bil-pożizzjoni tiegħu għad-Direttorat Ġenerali “Politiki interni tal-Unjoni”, hija annullata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Il-Parlament Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat għall-ispejjeż ta’ CP.*

([1]) ĠU C 108, 13.04.2013, p. 39.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-27 ta’ Frar 2014 – Walton vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-32/13)** ([1])

***(Servizz Pubbliku — Membru tal-Persunal temporanju — Allowance għall-firda — Riżenja kkonstatata b’sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza tal-Komunitajiet Ewropej — Determinazzjoni tad-data tar-riżenja — Awtorità ta’ res judicata — Deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li saru definittivi fl-assenza ta’ rikorsi kontenzjużi — Nuqqas ta’ osservanza tal-proċedura amministrattiva minn qabel — Inammissibbiltà manifesta)***

(2014/C 142/76)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Robert Walton (Oxford, ir-Renju Unit) (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u A.-C. Simon, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament taċ-ċaħda tat-talba intiża għall-kisba tar-rimbors tal-bilanċ mhux imħallas li l-Kummissjoni kienet obbligata li tħallas lir-rikorrent bħala allowance għall-firda.

**Dispożittiv tad-digriet**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *R. Walton għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013, p. 58.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT